Marzu 2014 • Vol 21 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa


- Ħatriet ġodda fil-Korp tal-Pulizija
- 60 sena mid-dħul tal-Korp ġewwa l-Kwartieri Ġenerali, Floriana
- Għoti ta' ċertifikati
- Jiġi ngaġġat l-ewwel grupp ta' Kuntistabbli tar-Riżerva


*Newspaper Post*

Marzu 2014 • Vol 21 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt: Sezzjoni tal-Fotografija














5 Editorjal

7 Speech by Commissioner of Police
Central Bank of Malta Address on Commemorative Coin
- 17th January 2014

10 Jinħatru tliet Deputati Kummissarji

13 Sebgħa huma l-Assistenti Kummissarji ġodda

15 Ħatriet ġodda fil-Korp tal-Pulizija u aktar…

17 60 Sena llu - Il-Korp Daħal fil-Kwartieri Ġenerali, Floriana

21 L-istress u l-'burnout'

25 Mil-Lenti tat-Tabib tal-Emerġenza -
Operazzjoni ta' salvataġġ fuq xena ta' inċident

29 Paġna għat-Tfal

31 Attivitajiet għal żmien il-Milied

39 Il-Kondotta Kriminali u s-sistema kompjuterizzata bejn
l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja

41 Għoti ta' Ċertifikati 2013

45 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

46 Jiġu ngaġġati 23 Kuntistabbli tar-Riżerva

47 Biex iż-żmien qatt ma jnessi…… 25 sena mit-twaqqif
tas-Silent Drill Team tal-Korp tal-Pulizija 1988 - 2013

49 Ħamsa u Għoxrin sena ta' ħidma.

51 Kif l-abbuż verbali jinbidel fi Vjolenza Domestika

52 Muturi ġodda għas-Sezzjoni tat-Traffiku

54 Flimkien għal Karità– Diċembru 2013

59 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin


IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Assistant Kummissarju Mario Spiteri
**Editur:** Spettur Graziella Muscat
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

## Editorjal




Spettur Graziella Muscat

Inbidlu ħafna affarijiet fil-Korp f'dawn l-aħħar xhur, fosthom l-Editur ta' dan il-magażin. Għal min ma jafx, dan il-magażin ilu joħroġ mis-sena 1977 bl-ewwel editur tiegħu jkun is-Sur Michael Marshall. Kull editur iġib tibdil miegħu, u l-istess ser nagħmel jien.

Bdejt billi ntroduċejt artikli kemxejn differenti, bil-għan li jkun ta' iktar interess għalikom, għaliex wara kollox dan ix-xogħol jsir biex jinqara u jasal messaġġ immirat l-aktar lill-membri tal-Korp, mingħajr ma ninsew inġeddu l-memorji tal-eks membri wkoll. F'din l-edizzjoni ser issibu ġabra ta' ċerimonji u anniversarji, fejn naf li ħafna minnkom jieħdu gost jaraw lilhom nfushom f'xi ritratt. Barra minnhekk tlabt lit-tobba tad-dipartiment tal-*Accident & Emergency* sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom ukoll, li m'għandix dubju li ser jintlaqa tajjeb minnkom.

Naf wkoll kemm għandna membri jbatu minn stress, allura tlabna sabiex isir artiklu minn professjonista, bit-tama li nagħtu dik il-ftit imbuttatura lil min qed ibati minn xi tip ta' stress, ħalli jfittex l-għajnuna. U la semmejt l-għajnuna, ta' min isemmi artiklu ieħor interessanti, dwar il-vjolenza domestika, li nutli nistaħbew wara subgħajna, ċerta li dan il-magażin ser jasal f'idejn nies li zgur li xi darba ltaqgħu magħha, jekk mhux fid-dar, fix-xogħol tagħhom. L-artiklu huwa mmirat sabiex inkunu sensittivi ma' dawk li huma verament vittmi, filwaqt li nkunu sodi u nieqfu lil dan il-mostru li jnaqqar is-soċjeta' tagħna.

Fl-aħħar nixtieq nispiċċa bit-tema li bdejt biha, il-bidla. Meta bdejna l-*filming section* fi ħdan is-CMRU, kien hemm xi nċertezzi, iżda llum il-filmati qed jintlaqgħu tajjeb minn kulħadd, apparti s-solitu kritika li hija tajba wkoll. Għalkemm illum il-ġurnata jiena l-editur ta' dan il-magażin, ma jfissirx li naf dak li tixtiequ intom. Għalhekk napprezza suġġerimenti dwar kif nibdlu l-format tal-magażin ħalli nolqtu l-gosti tagħkom. M'għandniex nibżgħu mill-bdil u minn sitwazzjonijiet ġodda, għaliex min iħares lejn il-passat, ikun qiegħed jagħti dahru lill-futur.

# Speech by Commissioner of Police Central Bank of Malta Address on Commemorative Coin - 17th January 2014

Honourable Prime Minister
Honourable Leader of the Opposition
Honourable Governor of the Central Bank
Ladies and Gentlemen

It gives me great pleasure to address such a distinguished gathering in this prelude to the occasion when the Central Bank is set to issue a commemorative coin as an integral part and an indelible mark of the Malta Police Force's celebration of its bicentenary.

In 1814, Malta came to be annexed to Great Britain as a Crown colony-cum fortress on the basin of the enclosed Mediterranean Sea, the eventful '*castrum maris*', at the epicentre of three continents. The Treaty of Paris sealed a new international relationship for Malta, while it harbingered an era of thorough and expansive reforms to all areas and facets of our Maltese society and its people, our forefathers. Malta's *de jure* takeover coincided with the armistice of the four Anglo-French, or Napoleonic, Wars that asserted the British Empire as the foremost marine and formidable world power, and ushered in the *Pax Britannica*.

Sir Thomas Maitland, the first Governor of Malta, hastened to implement institutional reforms soon after he laid his footsteps on the island. His attention riveted forthwith on the plethora of authorities and incumbencies, dispersed and uncoordinated as they were, albeit meant for maintaining policing. These multitude of uncoordinated powers had outlived the French *interregnum* and Great Britan's *de facto* possession of Malta since the departure and capitulation of the Order of St John, the "Knights Hospitallers'. He hastened to abolish them so that on 12th July, 1814, he formed one distinct and disciplined body, one force – the Executive and Judicial Police.

No doubt, the Malta Police Force is one of the oldest Police services in Europe. Remarkably, it is fifteen years older than Sir Robert Peel's creation of Britain's much acclaimed 'New Force' by dint and virtue of the Metropolitan Act in 1829.

The leadership and direction of the Malta Police Force, infant in those early and weary days, was entrusted to a Corsican Colonel, Count Francesco Rivarola, in the guise and capacity of Inspector of Police, primarily with the specific



Photo - DOI - Martin Attard

mission and vision to carry out functions such as the keeping of internal security, the preservation of peace, the protection of life and property, the prevention and detection of criminal offences, as well as the protection of all laws Moreover, he was assigned other multifarious duties and regulations varying from maintaining, "permanent good order and tranquillity, immigration control", to supervising "business premises, places of entertainment and sport". Such clout was legislative from the outset and was clearly spelt out in the founding proclamation of 1814.

Sir Thomas was disliked politically earning him the nickname of King Tom, but admittedly, he brought about a large number of legislative reforms to fruition, even if hamhandedly in a number of cases. Looking in retrospect, one cannot help but admire him and his handling of certain situations. He was the administrator in Malta who established the all-important concept in respect of any person detained in custody – the *Habeas Corpus*. The relevant principle was already laid down in the formative and embryonic stage of the Police Force. It is hitherto enshrined in the Criminal Code that was promulgated in 1854. The Habeas Corpus made it *ab initio* incumbent on magistrates to enquire into any complaint that was lodged and brought before them by any individual while being detained by the Police for a period longer than 48 hours. Such an *ex officio* magisterial and judicial supervision was rather regarded as extremely liberal in those days when it was standard practice for anyone charged with a criminal offence to be left languishing in prison for years on end and this even before his trial was decided.



In 1854, the Criminal Code gave a great push to police role in tackling criminal offences with success particularly in the urban areas on the strength of the 'service ethos' and the use of 'minimum force' – aspects of the Police Force that have in essence survived well down to the present day and age. The universally well-known powers and duties of the police as defined by statute that include conspicuously the preservation of public order and peace, the prevention-detection-investigation of offences, the collection of evidence and the arraignment of offenders before the judicial authorities, are a *sine qua non* for a wise understanding and deep appreciation of the underlying role of the Police in our historical and contemporary community.

Royal Commissioners betook themselves to Malta, they came and went, advocating various useful reforms to the Police Force in the process, aiding and abetting the Corps to became more mature and to leave behind its colonial policing model and its role as a substitute for other government departments while assuming an autonomous and service-oriented role full of determination to engage the public in crime prevention and contemporaneously remain itself accountable for its action and be subject to scrutiny. The transmutation did not transpire overtime. It transcended challenges, struggles and hostilities, in peace and war experiences, locally and overseas.

The Police Force commuted and enhanced, with the signs of the time and the winds of change in step with the vicissitudes of the last two hundred years in the course of which the island transformed itself from a sea-girt Crown colony-cum-fortress to a representative, responsible, independent and free State with a vociferous albeit genuine and reckoning voice in the European Union and the United Nations. New Police branches and command structures were created and ramified over the years. In 1956, the first fusion of women, a quaint novelty in Maltese society at the time, arrived.

Cultures and subcultures take time to adjust the winds of change, the emergences of new generations and scientific discoveries. We have been through a unique constitutional history of snakes and ladders in the last 200 years. Malta had to follow technological inventions. The Police, the Criminal Code and enforcement had to adapt to the introduction of aviation that rendered space and territory tri-dimensional, and the concoction of the cyber and internet that exposed every person to such an extent as to make him vulnerable to the entire planet. The professionalism of the serving Police officers, coupled with the continued recruitment of motivated officers with higher academic standards and the herald of knowledge, science and Information Technology, enabled the Force to march forward and welcome in the Third Millennium to the ever-escalating expectations of our society, our people, the Maltese public.

The Malta Police Force today boasts an almost-2000 strong compliment and is a vital component of the Ministry for Home Affairs and National Security. It is headed by a Commissioner assisted by three Deputy Commissioners and nine Assistant Commissioners. It remains bound to work and operate by observing and abiding by the law and within the parameters of the inalienable rights of each person and citizen as enshrined in the Constitution of Malta and the relative and relevant provisions of the European Convention on Human Rights. Police officers are further ethically bound by the Force's Code of Ethics which provides the framework for appropriate standards of conduct in a variety of contexts comprising the values of integrity, honesty, fairness, conscientiousness, compassion as well as loyalty towards the public interest.

Internal supervision of police officers is configured more or less on the time-honoured 'military' style hierarchy that was exhibited until very recently by police forces in England and Wales and most Western Police Forces. It is a hierarchy based upon effective supervision and guidance in the carrying out of allocated tasks by subordinates. The maintenance of discipline in the ranks is still exercisable summarily by the Commissioner of Police, and in more serious cases by the Public Service Commission. However, given that the Police are no less subject to the criminal laws than any other citizen, alleged criminal and human rights violations perpetrated by the Police Officers are triable and reviewable by the criminal and constitutional courts respectively.

The Malta Police Force is answerable to the government of the day and in view of such responsibility the House of Represen-




tatives effects external supervision through parliamentary questions and debate. Furthermore, the independent Police Board and the Ombudsman have jurisdiction to investigate certain complaints not linked with criminal investigations and court proceedings. Likewise, any member of the public may challenge the Commissioner of Police through the courts if in his opinion, the Police do not take action upon any report denoting the commission of a criminal offence that has been brought to their knowledge. The Commissioner of Police may be ordered by the Court to initiate appropriate action if a complaint is found to be justified.

It is befitting to ask, if not query, at the end of an overview on the history and operations of the Malta Police Force, whether the Malta Police Force has won the legitimate trust and faith of the Maltese people. The answer lies in the results obtained through public surveys including the now well-known Eurobarometer. Undeniably, the Malta Police Force had its ebbs and flows throughout its long existence. Nevertheless, public opinion demonstrates a very good level of satisfaction with the quality of service rendered by local Police officers – a true acknowledgement for the hard work and sterling devotion revealed by Malta' principal law enforcers.

The Force, aware of its ancestral heritage and confident in its present, and willing to take on challenges in the future, stands proudly before society to celebrate the bicentennial anniversary from its foundation. It is, as a civilian Force, made up '*min-nies għan-nies*' – as the commemorative logo states. It is committed to maintain Malta as one of the world's safest countries, to seek continuous improvement and to meet new challenges of an ever-changing future.

Ladies and gentlemen, I end my address by allowing myself once more to convey my heartfelt and sincere gratitude to all of you for listening patiently to my discourse.

Thank you.

# Jinħatru tliet Deputati Kummissarji

## *"Dan bl-għan li l-Korp tal-Pulizija jkun aktar effiċjenti"*

## - Ministru Dr. Manuel Mallia

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

Nhar il-31 ta' Jannar 2014, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, saret ċerimonja ta' ħatra ta' tliet Deputati Kummissarji ġodda.

Id-Deputati Kummissarji huma, is-Sur Raymond Zammit, is-Sur Pierre Calleja u s-Sur Andrew Seychell.

Id-Deputat Kummissarju Raymond Zammit ingħaqad mal-Korp tal-Pulizija nhar il-21 ta' Frar 1976, għalhekk din is-sena jagħlaq 38 sena jservi fi ħdan il-Korp. Huwa esperjenza kull rank li hemm fil-Korp, infatti ġie promoss għal Surġent fis-sena 1980, fis-sena 1987 huwa sar Spettur, fis-sena 2000 huwa ngħata r-*rank* ta' Supretendent, filwaqt li fis-sena 2009 huwa ngħata promozzjoni ta' Assistent Kummissarju. Meta wieħed jagħti ħarsa lejn il-postijiet fejn huwa kien stazzjonat, faċilment tinduna illi prattikament kważi dar kull angolu tal-Korp. Iżda snin sostanzjali fil-karriera tiegħu qattagħhom fi ħdan dik li kienet msejħa l-*iSpecial Assignment Group*.

Id-Deputat Kummissarju Pierre Calleja sar membru tal-Korp tal-Pulizija fis-sena 1987, eżattament nhar l-4 ta' Novembru. Sentejn biss wara nħatar bħala Spettur tal-Pulizija, filwaqt li fis-sena 2000 huwa ġie appuntat bħala Supretendent tal-Pulizija u tmien snin wara huwa ngħata l-promozzjoni ta' Assistent Kummissarju. Tul il-karriera tiegħu, id-Deputat Kummissarju Pierre Calleja ħadem l-aktar fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, u dan mis-sena 1991 sas-sena 2000 billi serva fi ħdan id-DIK, fid-distrett u minn dakinhar sal-lum fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Id-Deputat Kummissarju Andrew Seychell daħal fil-Korp tal-Pulizija nhar it-30 t'April tas-sena 1976, fejn huwa sar Spettur eżattament tliet snin wara. Huwa ġie promoss għar-*rank* ta' Supretendent fis-sena 1988, filwaqt li fis-sena 1996 huwa ngħata l-kariga t'Assistent Kummissarju. Tul il-karriera tiegħu huwa serva kemm fid-distrett kif ukoll fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, sakemm mis-sena 1988 sal-lum huwa kien inkarigat minn dik li tissejjaħ *Security Branch*, li fost oħrajn tirrelata mal-Immigrazzjoni Illegali.

Waqt iċ-ċerimonja, it-tliet Deputati Kummissarji ngħataw il-kariga ġdida tagħhom. Id-Deputat Kummissajru Raymond



Zammit ser ikun inkarigat mid-distretti ta' Malta u mid-distrett ta' Għawdex. Id-Deputat Kummissarju Pierre Calleja ser ikun inkarigat mis-CID, mill-*Vice Squad*, l-*Economic Crimes Unit* u mid-*Drug Sqaud*, filwaqt li d-Deputat Kummissarju Andrew Seychell ser ikun inkarigat mis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni, l-*Ispecial Branch* kif ukoll mill-Amministrazzjoni tal-Korp.

F'kelmtejn li għamel il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Emanuel Mallia, hu stqarr li din hija struttura ġdida fejn qabel kellna Deputat Kummissarju wieħed u llum għandna tlieta. Din hija struttura ġdida li ma tieqafx hawn. Magħhom dawn it-tliet Deputati Kummissarji ser ikollhom numru adizzjonali ta' Assistenti Kummissarji. L-importanti huwa li kull membru tal-Korp ikollu dik l-inizjattiva, dak l-inċentiv, kif ukoll il-motivazzjoni illi wieħed għandu bżonn waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dan bl-għan li l-Korp tal-Pulizija jkun aktar effiċjenti.

Huwa awgura lit-tliet uffiċjali tal-Korp fil-kariga l-ġdida tagħhom filwaqt li rringazzjhom tal-ħidma fix-xogħol li diġa għamlu. Barra minn hekk huwa sellem ukoll u rringrazzja lil ex-Deputat Kummissarju Joseph Cachia tal-ħidma illi huwa wettaq f'dawn is-snin u li ser ikompli jwettaq fil-kariga l-ġdida tiegħu bħala Kmandant tal-Akkademja tal-Pulizija.

louise.b.camilleri@gov.mt

# *"Sebgħa huwa n-numru perfett"*
## - il-Kummissarju tal-Pulizija

# Sebgħa huma l-Assistenti Kummissarji ġodda

minn WPC 176 Sloune Gatt Fabri - CMRU

Fil-5 ta' Frar 2014, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret ċerimonja li fiha nħatru seba' Assistenti Kummissarji ġodda. Preżenti waqt din iċ-ċerimonja kien hemm il-Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali, Dr Emanuel Mallia, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Żammit.



Is-seba' Assistenti Kummissarji ġodda huma:

Dr Mario Spiteri
Is-Sur Norbert Ciappara
Is-Sur Laurence Cutajar
Is-Sur Carmelo Magri
Is-Sur Silvio Valletta
Is-Sur Martin Sammut
Is-Sur Stephen Gatt

Waqt din iċ-ċerimonja, il-Kummissarju tal-Pulizija għamel kelmtejn tal-okkażjoni fejn qal li saru seba' Assistenti Kummissarji u fi kliemu n-numru sebgħa huwa n-numru perfett. Żied jgħid li jekk irridu nitkellmu rigward perfezzjoni rridu nħarsu lejn il-Mulej u f'kuntest ieħor inħarsu lejn dak li aħna nippruvaw nagħmlu dejjem aħjar fil-Korp tal-Pulizija li hu jqisu bħala l-familja tiegħu u jinsab ċert li għalihom ifisser hekk ukoll.

Huwa stieden lill-Assistenti Kummissarji sabiex flimkien ikomplu jħaddnu l-familja tagħhom, li qed tikber kif inhu xieraq u filwaqt li huma telgħu t-tarġa li kien imiss fil-karriera tagħhom ħeġġiġhom sabiex jibqgħu jagħtu dak li dejjem taw sabiex flimkien ikomplu għaddejjin bil-ħidma tagħhom biex pajjiżna jkun dejjem aħjar.



Il-Ministru Dr Emanuel Mallia awgura lil dawn il-membri tal-Korp fil-kariga l-ġdida tagħhom. Huwa awgura wkoll lill-familji tagħhom għax iħoss li l-familji jilgħabu parti importanti ħafna fil-ħajja professjonali tagħhom. Filwaqt li stqarr li jafhom ilkoll individwalment speċjalment meta kienu avversarji ta' xulxin fil-kamp tax-xogħol, huwa talabhom sabiex ikomplu jaqdu dmirijiethom, jagħtu aktar lill-pajjiż f'dak li huwa xogħol siewi mingħajr ebda favuri, skont il-liġi.

Huwa qal li jħossu konvint li kull wieħed minnhom jirrealizza li jirrappreżenta t-tielet l-aqwa rank fil-Korp tal-Pulizija. Id-deskriva din il-kariga mhux biss bħala waħda prestiġġjuża iżda wkoll li hi kariga li biha dawn l-Assistenti Kummissarji ġodda se jkomplu jagħtu servizz mogħti lilhom mill-istess liġi. Żied jgħid li l-Kodiċi Kriminali jagħti l-poteri u l-funzjoni tiegħu lilhom imma huma għandhom għax ikunu speċjali għaliex taħthom għandhom ranks oħra li huma jridu jmexxu biex dan il-Korp jiffjorixxi u jimxi 'l quddiem.

Dr Emanuel Mallia ħeġġiġhom sabiex jiftakru f'dan il-mument daqshekk importanti f'ħajjithom u fil-karriera professjonali tagħhom u qalilhom li huwa konvint li kull wieħed minnhom se jagħti l-aqwa tiegħu b'ħidma siewja kif dejjem għamlu.

sloune.fabri@gov.mt

# Ħatriet ġodda fil-Korp tal-Pulizija u aktar…

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Nhar il-15 ta' Novembru 2013, ġewwa l-*Officers Mess*, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, SM 907 Raymond Zammit ġie maħtur bħala Surġent-Maġġur tal-Ewwel Klassi, aħjar magħruf magħna bħala "RSM". Tlettax-il surġent li minnhom ħdax huma rġiel u żewġ nisa, ġew ukoll promossi bħala Surġenti-Maġġuri tat-Tieni Klassi.



Fl-istess ċerimonja, Maġġur, żewġ surġenti kif ukoll żewġ kuntistabblijiet ġew *re-instated* lura fil-Korp.

F'ċerimonja oħra qasira ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar it-12 ta' Diċembru 2013, inħatru 16-il surġent ġdid. Minn dawn is-sittax, ħamsa huma nisa.

Minn hawn nifirħu 'l-kollegi tagħna għal din il-ħatra u nawgurawlhom aktar suċċess fil-karriera tagħhom

Fl-istess okkażjoni nhar it-12 ta' Diċembru 2013, kull membru li huwa stazzjonat fit-Taqsima tat-Traffiku kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, ingħata *crash helmet full face*, sistema ġdida ta' komunikazzjoni bir-radju kif ukoll *vest* iktar viżibbli mgħammra ukoll b'apparat li jitpoġġa fl-istess *vest*. Dan l-apparat qiegħed biex jipproteġi aktar lill-membri tal-Korp waqt il-qadi ta' dmirijiethom.



Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit, stqarr li dan l-ameljorament sar peress li qiegħed isir tibdil gradwali li jħares aktar lejn is-saħħa u s-sigurta' u dan permezz ta' għodda ġdida li se jkunu mgħammra biha l-membri tal-Korp stazzjonati f'din it-Taqsima.

Il-Kummissarju kkonkluda li aktar apparat ser jiġi ntrodott fil-futur qarib.

charlene.camilleri@gov.mt

# Sittin sena ilu il-Korp daħal fil-Kwartieri Ġenerali, Floriana



Nhar il-15 ta' Marzu 2014, jaħbat eżatt l-anniversarju minn meta l-Korp tal-Pulizija daħal fil-bini tal-Kwartieri Ġenerali tal-Floriana, fejn għadu sal-ġurnata tal-lum jopera minn dan il-post.

Għal din l-okkazzjoni, propju fil-ġurnata, saret quddiesa ġewwa l-Kappella tal-Korp fil-Kwartieri Ġenerali u wara sar kxif ta' plakka kommemorattiva ġewwa s-Sala San Mikiel, mill-Onorevoli Ministru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija u bosta uffiċjali għolja fil-Korp.

Sabiex jiġi mfakkar kif jixraq dan l-anniversarju, dan li ġej huwa d-diskors li nqara mill-Assistent Kummissarju Mario Spiteri waqt din iċ-ċerimonja.

## Diskors fl-okkazzjoni tas-60 Sena Anniversarju mid-Dħul tal-Korp fil-Kwartieri Ġenerali tal-Floriana

Onor Ministru
Kummissarju
Deputati Kumissarji
Uffiċjali
Sinjuri,

Qed niltaqgħu f'dan il-bini, bi storja sabiħa warajh, biex infakkru s-sittin anniversarju ta' meta l-Pulizija bdiet tuża dan il-post bħala l-Kwartieri Ġenerali tagħha.

Bħala istituzzjoni ta' importanza kbira fil-pajjiż, il-Pulizija jixirqilha kwartieri adegwati bħal ma għandha llum, madankollu dan l-iżvilupp sar f'perjodu ta' żmien. Infatti, għall-aktar minn mitt sena wara t-twaqqif tagħha fl-1814, il-Pulizija kellha biss xi uffiċini f'xi bini bħall-Qorti, il-Klistanija (illum id-Dipartiment tas-Saħħa) jew xi post ieħor, u ma kellhiex il-kwartieri tagħha.

L-ewwel Kwartieri tal-Pulizija ġew f'Diċembru tal-1919 fi żmien il-Kummissarju l-Logutenent Kurunell Henry Bamford meta l-Pulizija daħlet fejn qabel kien sptar militari fil-Belt, fejn illum hemm Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Oriġinarjament, il-bini kien is-'Sagra Infermerija', sptar mibni fiż-żmien il-Kavallieri tal-Ordni.

Il-post kien viċin il-Port il-Kbir u l-Fortizza ta' Sant' Iermu, u għalhekk, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija kien f'żona ta' periklu. Infatti matul il-Gwerra nqerdet parti minn dak il-bini kaġun tal-attakki mill-ajru. Kien għalhekk li mal-bidu tal-Gwerra l-awtoritajiet iddeċidew it-trasferiment tal-kwartieri tal-pulizija.

Mill-Belt, il-Pulizija marret fl-Istitut Vincenzo Bugeja f'Santa Venera, post iżgħar milli kellha. Barra minn dan, il-Pulizija kellha ċċedi parti minn dan il-post għall-uffiċċini ta' dipartimenti oħra tal-gvern fosthom l-Uffiċċju tal-Logutenent Gvernatur, l-Avukat tal-Kuruna u t-Teżor.

Wara li spiċċat il-Gwerra, il-Pulizija ma setatx terġa' lura fejn kienet qabel minħabba t-tiġrif tas-Sagra Infermerija li kien sar wara l-attakki mill-ajru mill-għadu. Ġara wkoll li wara l-Gwerra, is-servizzi Ingliżi f'Malta bdew jużaw il-parti mhux imġarrfa tal-post u dan seta' kkomplika d-deċiżjoni li l-Pulizija terġa' tagħmel użu minnu. Barra minn dan, kienu meħtieġa l-fondi biex il-post jiġi għall-istat oriġinali li kien, u għal dan il-fatt, il-bini tas-Sagra Infermerija baqa' abbandunat għal tletin sena.





Minkejja li l-post f'Santa Venera kien irrekwiżizzjonat għaż-żmien tal-Gwerra permezz tal-*Emergency Powers Regulations* tal-1939, il-gvern żammu sa disa' snin wara. It-trasferiment minn Santa Venera għal dan il-post li qegħdin fih illum, sar għall-għarrieda u mill-15 ta' Marzu 1954, eżattament sittin sena ilu, l-uffiċċini kollha tal-Pulizija bdew jiffunzjonaw minn hawnhekk. Dan kien it-tieni bini okkupat mill-pulizija li qabel kien serva ta' sptar. Din kienet suppost miżura temporanja sakemm jinstab post alternattiv, iżda kif jaf kulħadd, il-Kwartieri tal-Pulizija baqgħu hawn sal-lum il-ġurnata.

L-ewwel parti ta' dan il-bini li qegħdin fih, magħruf bħala *Casa d'Industria*, kien sar fl-1725 fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Ġo fih kienu daħlu 50 tfajla li għallmuhom il-ħjata u snajja oħra meħtieġa għan-nisa. Fi żmien l-era Ingliża, il-post tkabbar u sar Sptar Ċentrali, u baqa' jservi bħala sptar sakemm beda jiffunzjona l-Isptar San Luqa fi Gwardamanġia.

Fiż-żmien li l-Pulizija kienet daħlet f'dan il-bini, anki l-Korp kien fi bżonn ta' kura. Kienet meħtieġa rijorganizzazzjoni biex il-Korp jiffaċċja ż-żmien li kien ġej. It-tibdil meħtieġ fil-Korp beda jsir minn sentejn wara li l-Pulizija daħlet f'dan il-post u dan wara rapport li kien ħejja l-Ispettur-Ġenerali għall-Pulizija tal-Kolonji, il-Kurunell W.A. Muller. Minn dak iż-żmien il-Korp beda jaġġorna ruħu, kultant bil-mod, biex illum jinsab organizzat kif inhu.

M'hemmx dubju li fl-1954 kienet biċċa xogħol kbira għad-diriġenti tal-Korp li, max-xogħol normali ta' kuljum, ħadmu biex minn post użat bħala sptar, jibdluh fi Kwartieri Ġenerali adattat. Minkejja li dan il-bini kien akbar minn dak ta' Santa Venera, mill-ewwel inħasset il-ħtieġa li l-Pulizija kellha tkabbar il-Kwartieri tagħha. Iżda dan kellu jistenna.

L-ewwel tkabbir sar fl-1965, bil-bini ta' *Control* u *Operations Room* fis-sular ta' fuq. It-tkabbir tkompla meta ttieħdet parti oħra tal-Isptar Ċentrali, dik fuq in-naħa tax-xellug, li baqgħet tintuża mid-Dipartiment tas-Saħħa minkejja li l-Isptar San Luqa kien ilu lest. Parti sostanzjali ta' din it-taqsima bdiet tintuża bħala dormitorji għall-membri tal-Korp li kienu jissejħu fi żmien ta' emerġenza jew matul l-elezzjonijiet ġenerali tal-imgħoddi. Kien f'din il-parti tal-kwartieri li eventwalment il-Korp stabilixxa l-ewwel laboratorju tal-fotografija.

Flimkien ma' dan it-tkabbir tal-kwartieri, fl-1970 il-Pulizija ttrasferit it-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, flimkien mal-garaxx tagħha, f'Notre Dame Ditch, post viċin dan il-bini. Imbagħad fis-sena ta' wara, il-Pulizija ħadet dak li oriġinarjament kien *Casemate Barracks*, taħt dan il-bini li qegħdin fih. Dan it-tkabbir kien ta' importanza kbira għax flimkien mad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali qed iservi għad-diversi ta' post għad-diversi taqsimiet ġodda tal-Korp.

Sittin sena ilu l-Korp kellu nofs in-numru ta' membri li għandu llum. It-taqsimiet tiegħu kienu prinċipalment id-dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, it-Taqsima tat-Traffiku u l-Liċenzji, u dik tat-Tifi tan-Nar. L-amministrazzjoni tal-Korp kienet tikkonsisti fi ftit fizzjali. Illum id-diriġenti tal-Korp huma f'numru ferm akbar għax hekk hu meħtieġ.

F'dawn l-aħħar sittin sena, il-kriminalità mhux biss żdiedet fin-numru, imma saret aktar soffistikata u għalhekk kien meħtieġ li l-Pulizija ttejjeb l-operat tagħha. Huwa minn dan il-bini li tiġi mfassla l-istrateġija ta' kif il-pulizija tagħmel l-akbar almu biex jissaħħaħ l-operat tagħha. Kien u għadu meħtieġ li jsiru ċerti żviluppi, jiġu stabbiliti taqsimiet ġodda, biex il-Korp jagħti protezzjoni aħjar lis-soċjetà.

Filwaqt li sar dan kollu, kien ukoll meħtieġ li jissebbaħ l-ambjent li fih jaħdmu l-membri tal-Korp stazzjonati f'dawn il-Kwartieri. Barra minn dan, fis-sebgħinijiet kien ingħata bidu biex ċertu bini li żdied bl-addoċċ jitneħħa. Mill-istess żmien beda wkoll ir-restawr tal-post, xogħol li tkompla wkoll sa ftit snin ilu u li fil-parti l-kbira tiegħu sar mill-istess membri tal-Korp.

Bħala konklużjoni nixtieq insellem lil dawk l-eks membri tal-Korp li fl-imgħoddi qattgħu ħinijiet twal f'dan il-bini meta ssejjħu waqt rinforzi, kultant wara li kienu diġà ħadmu l-ħin normali tax-xogħol.

Insellem lil dawk il-membri tal-Korp, kif ukoll impjegati oħra taċ-ċivil, li wkoll ħadmu f'dan il-post. L-istess tislima tmur għal dawk l eks membri tal-korp u taċ-ċivil. Insellem lill-membri u eks membri tal-korp li ħadmu manwalment biex jissebbaħ dan il-post – ħaddiema fil-ġebel, mastrudaxxi, kaħħala u snajjiet oħra.

Jalla li fil-ġejjieni dan il-post ikompli jilqa' fih nies dedikati biex iservu fil-Korp tal-Pulizija. Membri li jħossuhom kburin li bil-ħidma tagħhom qed jgħinu u jagħtu protezzjoni lis-soċjetà Maltija.

magazine.police@gov.mt

# L-istress u l-'burnout'

minn Stelmart Khalil – ESP Unit Co-Ordinator
Employee Support Programme Unit

**L-istress**

L-istress huwa parti mill-ħajja u kulħadd jista' jesperjenzah xi darba jew oħra. Dan jinħass l-aktar meta nkunu qegħdin nitħabtu mal-problemi tal-ħajja. L-istress huwa reazzjoni fiżika, u dak li jitqies bħala stress għal persuna mhux bilfors ikun ta' stress għal ħaddieħor. L-istress mhuwiex marda, madankollu ammont kbir ta' stress kontinwu jista' jwassal għal dipressjoni jew anzjetà, jew problemi serji ta' saħħa mentali.

L-istress jista' jkun pożittiv; ċertu ammont ta' stress huwa neċessarju biex tħejji jew twettaq xi ħaġa.

L-istress jista' jiġi kkawżat meta n-nies ta' madwarna jitolbu mingħandna affarijiet impossibbli, jew meta niffaċċjaw diffikultajiet fil-ħajja personali tagħna jew fuq ix-xogħol, li ma jkollniex kontroll fuqhom. Uħud mill-kawżi tal-istress huma avvenimenti ta' ferħ, iżda minħabba li dawn iġibu magħhom bidliet kbar, jew jirrikjedu ħafna mingħandna, dawn l-avvenimenti jistgħu jkunu stressanti.

Uħud mill-kawżi tal-istress huma: tibdil konsiderevoli f'ħajjitna (bħal żwieġ jew tarbija ġdida); diffikultajiet fuq ix-xogħol; ħin limitat; diffikultajiet fir-relazzjonijiet; problemi finanzjarji; luttu; mard serju; *bullying* u fastidju.

L-istress jista' jidher f'sintomi fiżiċi, emozzjonali u fl-imġieba tagħna. Fost is-sintomi fiżiċi nsibu: nifs mgħaġġel; uġigħ ta' ras; għejja kontinwa; aġitazzjoni; problemi tal-irqad; pressjoni għolja; nuqqas ta' aptit; diffikultajiet sesswali, u uġigħ fis-sider. Fost is-sintomi emozzjonali nsibu: nuqqas ta' interess u motivazzjoni; irritazzjoni u nervi; aġitazzjoni, diffikultajiet biex tistrieħ; tħossok mgħobbi żżejjed; tħossok waħdek u iżolat/a; dipressjoni u dwejjaq ġenerali. Bħala s-sintomi tal-imġieba nsibu: tiekol iktar jew anqas; torqod ħafna jew ftit; tittraskura jew tipposponi r-responsabbiltajiet; tixrob, tpejjep jew tieħu d-drogi biex tistrieħ; tibki ta' spiss.

***Il-burnout***

Il-*burnout* huwa stat ta' eżawriment emozzjonali, mentali u fiżiku li ħafna drabi jiġi kkawżat minn perjodu twil ta' stress eċċessiv. Sintomu komuni tal-*burnout* huwa meta l-persuna tħossha '*overwhelmed*' u ma tiflaħx tlaħħaq mal-eżiġenzi tal-ħajja ta' kuljum. F'dan l-istat il-persuna tibda titlef l-interess u l-motivazzjoni fl-aspetti kollha tal-ħajja tagħha, filwaqt li tħossha mingħajr enerġija u bla motivazzjoni biex taqdi d-dmirijiet tagħha.

Għalkemm huwa komuni li jiġu ġranet fejn persuna tħossha mdejqa jew mhux apprezzata, meta l-persuna tħossha hekk il-maġġoranza tal-ħin, jista' jkun li tkun qed tesperjenza *burnout*.

Is-sintomi tal-*burnout* jinkludu għejja estrema fil-maġġoranza tal-ħin, nuqqas ta' ħeġġa u motivazzjoni biex taqdi dmirijietek, u nuqqas ta' interess fl-affarijiet li qabel kont tieħu gost tagħmel. L-effett tal-*burnout* jaffettwa lil persuna kemm fuq bażi emozzjonali u psikoloġika, imma wkoll fiżikament għax tagħmel lil persuna vulnerabbli għal mard bħall-influenza u rjaħat. Għalhekk huwa importanti li jekk persuna tħoss li qed tesperjenza dawn is-sintomi għandha tfittex għajnuna professjonali minnufih.

**Id-differenza bejn l-istress u l-*burnout*.**

Għalkemm *burnout* jista' jiġi kkawżat minn ħafna stress, mhux l-istess ħaġa bħal ħafna stress. Stress jiġi kkawżat mill-fatt li persuna trid tagħmel ħafna affarijiet u trid tlaħħaq ma' diversi affarijiet f'salt. Għal persuna li qed tesperjenza stress, l-importanti hu li tikseb kontroll fuq dawn ir-rikjesti biex tħossha aħjar.

Il-*burnout* min-naħa l-oħra, huwa kkaratterizzat minn emozzjonijiet li tagħmel x'tagħmel mhux biżżejjed. Meta persuna tħossha *burnout*, tħoss ċerta vojt, nuqqas ta' motivazzjoni u mingħajr ħeġġa li tagħmel xi ħaġa dwarha. Persuna li tesperjenza *burnout* ħafna drabi ma tarax tama li s-sitwazzjoni tista' titjieb.

Persuna ma ssirx *burnout* mil-lum għall-għada; huwa proċess li jseħħ fuq medda ta' żmien. Fil-bidu, is-sintomi tal-*burnout* ikunu sottili, imma jsiru agħar iktar ma' jgħaddi ż-żmien. Għalhekk importanti ħafna li jekk inti jew xi ħadd fil-qrib tiegħek qed jesperjenza dawn is-sintomi tfittxu l-għajnuna mill-ewwel, bħala mezz ta' prevenzjoni. Jekk is-sintomi tal-*burnout* jiġu njorati, huwa faċli ħafna li dawn jiżviluppaw f'dipressjoni jew diffikultajiet oħra ta' saħħa mentali.

Jekk qiegħed f'sitwazzjoni fejn tħoss li għandek *burnout*, huwa importanti li:

1. Tnaqqas ir-rittmu tal-ħajja tiegħek u tieħu '*break*'. Naqqas kemm tista' l-impenji u r-responsabbiltajiet biex tagħti ċans lilek innifsek tistrieħ u tirrifletti.

2. Tfittex l-għajnuna u s-sapport. Meta persuna tkun *burnout*, huwa faċli li tinqata' għaliha waħidha, iżda huwa importanti li l-persuna tfittex is-sapport ta' ħbieb u/jew familjari. Jekk dan mhux possibbli, jeżistu professjonisti li jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

3. Tagħmel evalwazzjoni tal-prijoritajiet f'ħajtek. Uża ż-żmien ta' riflessjoni biex tevalwa l-prijoritajiet u tara x'affarijiet tista' tnaqqas mill-ħajja tiegħek biex ikollok ċans tiffoka fuq l-affarijiet li tixtieq u li huma iktar importanti għalik.

**Aħna nistgħu ngħinuk**

L-*Employee Support Programme* (ESP) huwa mmirat biex jiddentifika u jindirizza bosta diffikultajiet li jfixklu l-bilanċ ta' bejn il-ħajja personali u tax-xogħol tal-impjegati, fosthom, l-istress relatat max-xogħol, problemi relatati mas-saħħa mentali u stress emozzjonali, problemi fiż-żwieġ u fil-familja, luttu u mard serju, vizzji, kif ukoll problemi ta' diżabilità. Il-proġett tal-ESP huwa ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, b'rata ta' ko-finanzjament ta' 85%.

Jekk tħoss li għandek bżonn l-għajnuna, tista' taċċessa l-programm tal-*ESP*. Dan is-servizz qed jiġi pprovdut bla ħlas għall-impjegati pubbliċi. Għal aktar informazzjoni tista' żżur is-sit elettroniku http://pahro.gov.mt/esp jew iċċempel 'l *ESP Unit* fuq 2200 1210 jew tibgħat imejl fuq esp.opm@gov.mt biex tagħmel appuntament. Il-kunfidenzjalita' hija ggarantita.

# Mil-lenti tat-Tabib tal-Emerġenza
# Operazzjoni ta' salvataġġ fuq xena ta' inċident

minn Dr. Michael Spiteri MD MRCSEd DipIMC RCSEd, Accident and Emergency Consultant, Clinical Lead Major Incident Preparedness - Mater Dei Hospital

Kien fl-1896 meta kienet irreġistrata l-ewwel fatalita' ta' inċident tat-traffiku fir-Renju Unit. L-espert forensiku li mexxa l-awtopsja fuq il-vittma, Bridget Driscoll, kien ikkwotat li qal "ħaġa bħal din m'għandha terġa` tiġri qatt". Illum nafu li l-istorja hi ferm differenti u kollha nafu li t-tbassir ta' dan l-espert mar ftit żmerċ.

Madankollu nbidlu ħafna affarijiet oħra minn dak iż-żmien; saru avvanzi kbar fil-prevenzjoni tal-inċidenti u fit-tnaqqis ta' korrimenti assoċjati mal-inċident. Minkejja dan, inċidenti għadhom jiġru u dak huwa meta aħna, l-aġenziji tas-salvataġġ, nidħlu fl-istampa.

Il-gżira żgħira tagħna wkoll rat bidla fin-natura tal-inċidenti li jseħħu. Aħna konna ffaċċjati bi sfidi li ħadd ma seta` jbassarhom sa ftit taż-żmien ilu. Biss, flimkien, aħna dejjem irnexxielna noħorġu l-aħjar tagħna billi naħdmu lejn għan wieħed komuni – li nipprovdu l-aħjar servizz lil dawk li jkunu fil-bżonn. Dawn is-sitwazzjonijiet urew il-ħtieġa li aħna għandna bżonn nibqgħu mixjin 'il quddiem u ntejbu l-kapaċitajiet tagħna biex nirrispondu w biex nitgħallmu tekniki ġodda. Fuq kollox swew ukoll biex aħna nrabbu l-maturita` li nikkritikaw lilna nfusna. Issa wasal iż-żmien li aħna nerġgħu nirriflettu mill-ġdid u b`onesta` niddeterminaw liema huma dawk is-setturi li għandhom bżonn titjib. L-opinjoni personali tiegħi hija li għalkemm aħna għamilna avvanzi kbar fid-direzzjoni t-tajba, issa jeħtieġ li nikkonsolidaw dak li nafu filwaqt li l-aġenżiji differenti jintegraw is-sistemi tagħhom.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, aħna l-ewwel irridu nanalizzaw l-elementi ewlenin ta' operazzjoni ta ' salvataġġ.

Dawn jistgħu jiġu mqassma kif ġej:
a) il-fattur tal-ħin.
b) it-tqassim tal-informazzjoni
ċ) l-għarfien

**Il-fattur tal-ħin** – Il-ħin huwa wieħed mill-ikbar għedewwa tagħna. Hekk kif iseħħ inċident, jibda proċess ta' deterjorazzjoni progressiva. Dan jista' jkollu tifsira differenti għall-aġenżiji differenti, pazjent jiddeterjora, nirien jikbru jew evidenza ssir aktar dilwita jew kontaminata. Għalhekk hemm bżonn li naslu fuq il-post mill-aktar fis possibli filwaqt li nassiguraw li nagħmlu dan bla periklu. Iżda li naslu fuq il-post ma jkunx biżżejjed; Dawk li jaslu l-ewwel għandhom jkunu mgħammra b'taħriġ speċifiku ta' kif wieħed għandu jimmaniġġja xena ta' inċident. Huwa importanti li wieħed jirrejalizza li l-ewwel ftit minuti normalment jiddeterminaw is-suċċess tal-operazzjoni. Bħala konklużjoni, għandna npoġġu flimkien u niżvillupaw metodi standardizzati ta' kif wieħed jimmaniġġja x-xena tal-inċident. Eżempju ta' dan il-kunċett ħa jiġi mfisser iktar 'il quddiem.

**It-tqassim tal-informazzjoni** - Bniedem avżat nofsu armat. Kuljum aħna mqabbdin f'taqtigħa biex nippruvaw naqdu l-ħtiġiet tal-inċident bl-aħjar rispons possibbli. Is-suċċess ta' dan il-proċess huwa normalment limitat minn fattur wieħed – id-disponibbilità ta' informazzjoni aġġornata, affidabbli u preċiża. Sfortunatament f'pajjiżna, għadna ma wasalniex li jkollna ċentru ta' kmand wieħed, li jkopri s-servizzi ta' emerġenza kollha. Din il-limitazzjoni qiegħda l-ħin kollu tpoġġina fir-riskju li, jew li nitilfu l-informazzjoni jew li din tingħatha meta jkun tard wisq. Sabiex tingħeleb din l-isfida, kmamar tal-kontroll għandhom jiżvillupaw *networking approach*, jiġifieri ġa la darba tkun intbagħtet l-għajnuna fuq inċident, kull kamra tal-kontroll trid tipprova tikseb aktar informazzjoni u tgħaddi dik l-informazzjoni lill-aġenżiji l-oħra.

**L-għarfien**: L-istorja dejjem uriet li l-abbiltà tagħna li nbassru l-futur hija kważi ineżistenti. M'għandna ebda ideja ta' dak li aħna sejrin nsibu għada, l-unika ċertezza huwa li la darba jkollna sejħa fuq il-112, aħna obbligati li nirrispondu, w irrispettivament miċ-ċirkostanzi aħna mistennija li nipprovdu servizz li hu ta' livell aċċettabbli. Li ma nkunux imħejjija m'għadhiex skuża valida. Mil-lat mediku, l-isfidi huma kbar; mhux biss ix-xenarji ta' salvataġġ saru iktar ikkomplikati, iżda wkoll minħabba l-fatt li r-rispons tagħna qed isir f'inqas ħin meta kkumparat mal-passat, qegħdin niffaċċjaw każijiet ta' korrimenti serji li sa ftit ta' żmien ilu kienu jinstabu mejta. Ir-realtà hi li issa qed nittrattaw każijiet ferm aktar serji ta' trawma u għalhekk il-ħiliet tagħna jridu jitilgħu għal livell ieħor.

Issa prattikament wasalna ftit xhur 'il bogħod mill-parteċipazzjoni ta' Malta f'avvenimenti maġġuri, eżempju ċ-CHOGM, il-Presidenza tal-UE, eċċ. Dawn l-avvenimenti ser iġibu wkoll xenarji speċifiċi li aħna mhux dejjem niltaqgħu magħhom fix-xogħol tagħna ta' kuljum.

Dawn l-artikli li ser jiġu ppreżentati matul ix-xhur li jmiss huma ddisinjati biex jippromwovu għarfien u diskussjoni dwar dan is-suġġett. Huma maħsuba wkoll biex jipprovdu qafas sabiex jinkoraġġixxi l-proċess tan-*networking* u biex jgħin l-aġenziji differenti tas-salvataġġ li jibdew jitkellmu l-istess lingwa.

**Artikolu 1: L-immaniġġjar tax-xena tal-inċident**

**Il-perspettiva mir-rispons mediku**.

Kull xena ta' inċident għandha bidu kaotiku. L-ewwel ftit sekondi huma wkoll tipikament disorjentanti għal min jasal l-ewwel. Huwa f'dan il-ħin fejn wieħed jibda jipprova jifhem x'ġara u jipprova jaqbad art tal-kobor tal-problema. Inizjalment wieħed jiġi ffaċċjat minn mistoqsijiet importanti li wieħed għandu jipprova jirrispondi; x'inhu l-livell ta' periklu? Għandi bżonn iktar għajnuna? Is-sitwazzjoni hija dik li stennejt?



Figura 1: L-ewwel informazzjoni dwar l-isplużżjoni tan-Naxxar kienet tghid li kien sploda ċilindru tal-gass.

F`dan l-ewwel artiklu għalhekk ser nanalizzaw wieħed mill-metodi ta' kif il-Pulizija tista' tgħin biex twitti t-triq għas-servizzi tas-saħħa.

**Il-kunċett ta' CSCATTT:**
Matul l-aħħar snin kien hemm ħafna attentati biex jissimplifikaw l-*approach* ta' ħaddiem tas-salvataġġ fuq ix--xena tal-inċident. Wieħed mill-akronimi prinċiparjament użati f'dan ir-rigward ġej mill-manwal tal-inċident maġġuri (MIMMS) u huwa msejjaħ bħala CSCATTT (Figura 2)

**Il-Kmand u Kontroll (*Command and Control*):**
Fl-inċident, l-istruttura ta ' kmand u kontroll għandhom ikunu stabbiliti u tinżamm matul il-kors kollu tar-rispons. Ċelloli ta ' kmand u kontroll (Figura 3) għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-aġenżiji kollha tas-salvataġġ u għandu jiġi enfasizzat li dan it-tim biss jista' joħroġ ordnijiet u jikkordina mal-kmamar tal-kontroll rispettivi. Huwa importanti li anke f'inċidenti relattivament żgħar, l-aktar membru b'esperjenza ta' kull entità tas-salvataġġ għandu jidentifika lilu nnifsu.

**C** – Command & Control
**S** - Safety
**C** - Communication
**A** - Assessment
**T** - Triage
**T** - Treatment
**T** - Transport

Figura 2: Il-Kunċett ta' CSCATTT

Fir-rigward tas-sistema ta ' rispons tal-ambulanza, l-uffiċjal huwa msejjaħ bħala l-*Medical Incident Officer* (MIO) (Figura 4) u dan ir-rwol ewlieni huwa normalment riservat għal tabib speċjalizzat fil-qasam tal-kura mmedjata jew infermier li għandu taħriġ speċjalizzat fix-xogħol tal-ambulanzi.



Figura 3: Il-Kmand u l-Kontroll waqt sezzjoni ta' taħriġ fl-ajruport

**Is-sigurta` w is-saħħa fuq il-post tal-inċident:**
Mitluqa għal riħha, ix-xena tal-inċident tibqa' tiżviluppa f'ambjent iktar kaotiku w perikoluż għall-pazjenti, għall-membri tas-salvataġġ u anke għalkemm tal-aħħar imma mhux l-inqas, għaz-zekzieka li jiġu bi ħġarhom ma' kull xamma ta' azzjoni. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kmand għandu mill-ewwel jaħseb biex jistabilizza x-xena. Dan jista' jsir biss billi ż-żona tingħalaq għall-pubbliku w ħadd

ħlief il-membri tas-salvataġġ m'għandhom jingħataw aċċess għall-post tal-inċident. Hemm diversi metodi ta' kif wieħed jopera fuq ix-xena tal-inċident, biss dawn kollha għandhom ċertu elementi komuni:

• Il-*Police tape*: għandu jiġi kkontrollat mill-Pulizija. Dan jiġi mqiegħed diversi metri 'l bogħod mill-inċident u huwa maħsub biex jipproteġi x-xena u jitħalla spazju fejn vetturi tal-emerġenza jistgħu jimmanuvraw f'żona sigura.

• Il-Kurdun ta' ġewwa (*inner cordon*): għandu jiġi kkontrollat mill-ħaddiema tas-salvataġġ u dan jimmarka l-partijiet tal-inċident li huma meqjusa bħala perikolużi. Fuq il-parti ta' ġewwa ta' dan il-kurdun għandhom jidħlu biss nies li rċevew taħriġ speċifiku fis-salvataġġ.

• Parkeġġ għal-vetturi tal-emergenza (*Vehicle staging and parking area*): Din hija żona importanti ħafna għax trid tkun imqassma b'tali mod li l-vetturi jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom mingħajr ma jimpeddixxu l-aċċess għal xulxin. Minħabba ċ-ċokon tat-toroq tagħna dan mhux dejjem faċli, u hawnhekk il-Pulizija għandhom responsabbilita' kbira.

• Żona tat-trattament (*Advanced medical area*): F'inċidenti serji jista` jagħti l-każ li l-feruti jiġu miġbura flimkien u jingħataw kura mmedjata fuq il-post. Dan jiġri peress li ċertu nies feruti tant ikunu f'qada kritika li lanqas biss ikunu maħsuba li ser jgħixu sal-isptar. Għaldaqstant it-tim mediku jamministra kura medika sabiex il-kundizzjoni tas-saħħa tal-pazjent tiġi stabilizzata qabel dan it-trasferiment. It-tipi ta' trattamenti li jsiru fuq il-post jistgħu jvarjaw minn manuvri baziċi sa nterventi avvanżati ħafna li jinkludu amministrazzjoni ta' loppju, interventi kirurġiċi biex jinfetħu passaġġi tal-arja li jisfgħu magħluqa bid-demm, u tneħħija ta' arja żejda minn madwar il-pulmun. Għalhekk wieħed jista jirrejalizza li dan ix-xogħol jirrikjedi taħriġ mediku ntensiv li jieħu aktar minn sitt snin. Ta' min ukoll jinnota li ċertu tipi ta' interventi jistgħu jesponu lill-pazjenti u



jinġurjaw id-dinjita' tagħhom. Huwa għalhekk importanti ħafna li l-membri tal-forżi tal-ordni jieħdu l-passi kollha biex jipproteġu l-lok tal-inċident minn terzi persuni li ma għandhomx għalfejn ikunu fil-viċinanzi.




Figura 4: '*Medical Incident Officer*' (MIO) jgħaddi nformazzjoni waqt inċident tat-traffiku.

Żona tat-trattament, tipikament tinqasam f'diversi partijiet li jkunu maħsubin biex jilqgħu pazjenti ta' kategoriji differenti. Dawn il-kategoriji jiġu determinati skont regoli internazzjonali u ser jkunu s-suġġett prinċipali tal-artiklu li jmiss.

Metodu ta kif tiġi kkontrollata xena tal-inċident

F'dan l-ewwel artiklu rajna kif professjonisti li ġejjin minn oqsma differenti jistgħu jiżvillupaw sistemi sabiex jibdew jitkellmu lingwa waħda. Rajna ukoll kif is-suċċess ta' operazzjoni ma jserraħx biss fuq persuna waħda imma huwa dejjem ir-riżultat ta' ħidma kollettiva. Għalhekk aħna kollha għandna nemmnu li flimkien għandna missjoni waħda, dik li noffru l-aħjar għajnuna possibbli lil dawk li tabilħaqq hekk jixirqilhom.

**Dr. Michael Spiteri huwa konsulent fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei. F'dawn l-aħħar snin kompla bl-istudji tiegħu li kkonċentraw fuq is-salvataġġ mediku u fuq l-inċidenti maġġuri. Flimkien ma' tobba speċjalizzati oħra, huwa pprovda għajnuna medika immedjata f'aktar minn 700 inċident serju li seħħew fil-gżejjer Maltin.**

magazine.police@gov.mt

# Paġna għat-Tfal



Pearl Calleja
11-il Sena




Mariah Farrugia
11-il Sena

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# *Attivitajiet għal żmien il-Milied*



## Santa Swim







## Attività fil-Belt Valletta b'risq l-Istrina




















## Il-Banda tal-Pulizija










## Il-festin tat-tfal











## HighTea











## Other Ranks Reception



















## Officers reception











## Quddiesa ta nofs il-lejl










## Istrina








# Il-Kondotta Kriminali u s-sistema kompjuterizzata bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja

Assistent Kummissarju Silvio Valletta - DIK

Nhar it-12 ta' April 2012, ġiet imnedija sistema kompjuterizzata bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja sabiex ikun hemm bdil ta' informazzjoni effiċjenti rigward kundanni kriminali. Din is-sistema hija msejħa *"European Criminal Record Information System (ECRIS)."*

Il-Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti poter lill-Kummissarju tal-Pulizija li joħroġ ċertifikati tal-kondotta. L-istess Kummissarju tal-Pulizija għandu r-responsabbilita li jżomm l-informazzjoni fuq kull kundanna ta' kull persuna li tinstab ħatja fil-Qrati Maltin. Dan ix-xogħol isir mill-Uffiċċju tal-Kondotti magħruf bħala l-*Criminal Records Office (CRO).*



L-Uffiċċju tal-Kondotti kien iżomm dawn il-kundanni fuq kull persuna f'kotba apposta, iżda meta l-Kummissjoni Ewropeja nfurmat lill-Istati Membri li kienet ser tinħoloq sistema kompjuterizzata sabiex ikun hemm bdil ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fuq il-kundanni ta' ċittadini Ewropej, inħasset il-ħtieġa sabiex anke l-Uffiċċju tal-Kondotti jiġi mgħammar bit-teknoloġija tal-informatika meħtieġa.

Fil-fatt il-Pulizija ta' Malta applikat għal fondi mill-Unjoni Ewropeja taħt il-programm "Justice" sabiex ningħataw fondi biex inkunu nistgħu ndaħħlu fis-sistema l-kundanni kollha li għandha fl-arkivji tagħna. L-Unjoni Ewropeja aċċettat l-applikazzjoni tagħna u bħalissa qegħdin fil-proċess li l-kundanni li għandha jinqalbu f'arkivju elettroniku.



Dan il-bdil tal-informazzjoni ta' kundanni huwa pass importanti għaliex jippermetti lill-forzi tal-ordni tal-Membri Stati fil-ġlieda kontinwa kontra l-kriminalita'. Illum, jekk persuna ċittadin tal-Unjoni Ewropeja tkun qiegħda tiġi nvestigata f'Malta, nistgħu nitolbu l-kondotta tagħha sabiex inkunu nafu x'kundanni kellha dik il-persuna mill-Qrati f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja. Ġew ukoll emendati l-liġijiet li permezz tagħhom persuna li tkun instabet ħatja ta' reat f'pajjiż tal-Unjoni Ewropeja, jitqies bħala reċidiv jekk jerġa' jitressaq ġo pajjiż ieħor tal-Unjoni skont ovvjament ir-regoli applikabbli għar-reċidivita'.

Is-sistema taħdem b'mod pjuttost sempliċi, prattiku u spedit għaliex issir permezz ta' imejl apposta magħrufa bħala *ECRIS R1*. Permezz ta' din il-proċedura, l-Istati Membri jitolbu l-kundanni ta' ċittadini fuq reati maqbula minn qabel.

Qabel ma ġiet imnedija din is-sistema saru diversi laqgħat bejn rappreżentanti ta' kull Stat Membru. Ġie deċiż dwar liema reati għandha tiġi mibdula l-informazzjoni. Kull Stat Membru jibgħat l-informazzjoni bil-lingwa tal-pajjiż rispettiv u mbagħad is-sistema awtomatikament taqleb ir-reat bil-lingwa tal-pajjiż li jkun qed jirċievi din l-informazzjoni. Dan seta' jsir biss għax kull reat ingħata kodiċi magħruf bħala *ECRIS Code*. Kull pajjiż għandu l-Kodiċi Kriminali tiegħu u għalhekk kien hemm il-ħtieġa għal din is-sistema komuni biex toħloq l-uniformita' għall-iskop ta' din is-sistema. Għalhekk meta xi

ħadd jibgħat talba lil Malta għall-informazzjoni fuq persuna li tkun per eżempju ġiet ikkundannata fuq serq, is-sistema waħedha b'mod awtomatiku, permezz tal-*ECRIS code*, taqleb dik l-informazzjoni biex aħna bħala pajjiż nifhmu li l-informazzjoni mitluba hija dwar serq.

Kif ġie spjegat qabel, dan il-bdil tal-informazzjoni, jista' jsir meta ċittadin ta' Stat Membru jkun ser jitressaq il-Qorti. Iżda hemm ukoll eżempji oħra fejn tista' tintalab din l-informazzjoni u dan meta ssir talba minn awtorita' amministrattiva kompetenti kif definita skont il-liġi u skont iċ-ċirkostanzi stipulati u elenkati, jew inkella fuq talba tal-persuna nnifisha.

Dan ifisser, li awtorita' amministrattiva kompetenti f'kull stat membru kif stipulat fl-artikolu 3(4) tal-Kap 77 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titlob lill-awtorita' ċentrali ta' pajjiżna (CRO) sabiex tipprovdi estratt tal-kondotta ta' persuna li tkun qed tfittex impjieg ma' din l-Awtorita'. Il-ħsieb wara dan kollu huwa sabiex persuni vulnerabbli, speċjalment it-tfal, jiġu protetti minn dawn il-persuni.

Fit-13 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropeja ħarġet direttiva oħra li ġġib in-numru 2011/93/EU li permezz tagħha qed tissaħħaħ il-ħidma u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija. Din id-direttiva ġiet fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru 2013, u kull Stat Membru issa għandu l-obbligu li jitlob il-kondotta ta' kull persuna li tkun toqgħod jew tkun ċittadina ta' Stat Membru ieħor u li tkun qed tfittex impjieg jew xogħol volontarju mat-tfal jew organizazzjonijiet jew entitajiet li jaħdmu u joperaw mat-tfal.

Permezz tal-bdil tal-informazzjoni dwar kondotti, issa għandna għodda oħra sabiex il-forzi tal-ordni jkunu jistgħu joperaw aħjar fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalita' fl-Unjoni Ewropeja.

silvio.valletta@gov.mt

Dan il-programm huwa
ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja

# Għoti ta' Ċertifikati 2013

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU



Nhar il-5 ta' Jannar, 2014, ġewwa s-Sala Vilhena, bħal kull sena saret iċ-ċerimonja għall-għoti ta' premijiet u unuri lil dawk il-membri tal-Korp li matul is-sena li għaddiet iddistingwew ruħhom b'azzjonijiet li wettqu.

Waqt din l-okkażżjoni, ġewwa s-sala kien hemm numru sabiħ ta' membri tal-Korp kif ukoll eks-membri. Din iċ-ċerimonja bdiet b'quddiesa kkonċelebrata minn Fr Raymond Bonnici, il-Kappillan tal-Korp. Wara li saret il-quddiesa u Fr Bonnici fakkar l-eks Pulizija li ħallewna, daħlu l-*colours* tal-Korp akkumpanjati mill-*bagpipers*.

Waqt id-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit, saħaq li la darba tkun membru tal-Korp tal-Pulizija, kemm meta tispiċċa mis-servizz u anke wara mewtek dejjem ser tkun Pulizija. Id-doveri tagħna f'din il-ħajja huma ferm importanti irrilevanti jekk għadniex fil-Korp jew le.

Il-Kummissarju kompla billi qal illi din is-sena l-Korp ser jiftaħ l-bibien għal dawk li telqu u li rridu jerġgħu lura bħala *reserve constables* sabiex jerġu jagħtu l-esperjenza tagħhom lura lill-Korp. Huwa rringrazzja lil kulħadd li kien qiegħed hemm sabiex jattendi għal din l-attivita'. Wara ngħata bidu għall-ċerimonja qasira ta' għoti ta' ċertifikati ta' kommemorazzjoni.

Tajjeb li jingħad li qabel ma ngħataw iċ-ċertifikati ta' kommendazzjoni, wieħed irid isemmi li fl-okkażżjoni ta' Jum il-Pulizija 2013, diġa' kienu ġew ippremjati għaż-żelu muri lejn dmirijiethom u xogħolhom;

· PC 258 Mario Mallia li kien protagonista nhar il-11 t'Awwissu 2012, ġewwa l-Belt Valletta, fejn irnexxielu jwaqqaf persuna milli tikkommetti suwiċidju;

· PC 1188 Paul Cassar u PC 243 Clayton Frendo li kienu strumentali meta fl-4 ta' Mejju 2013, ġewwa Ta' Xbiex, qabżu l-baħar fit-tentattiv sabiex isalvaw il-ħajja ta' persuna li kienet maqbuda fil-karozza tagħha taħt l-ilma;

· 2/SM 888 Dunstan Camilleri, PS 1437 Norman Xuereb u PC 1256 Simon Schembri, talli nhar is-26 ta' Ġunju, 2013, taw assistenza mmedjata lil mara li kienet waslet biex ikollha tarbija, billi skortawha flimkien mar-raġel tagħha sal-isptar Mater Dei; u

· PC 1539 Michael Farrugia li kien strumentali nhar il-15 ta' Lujlu, 2013, ġewwa l-Furjana fejn rnexxilu jiftaħ vettura li aċċidentalment issakkret b'tarbija ta' sena u nofs ġo fiha, fl-eqqel tax-xemx tas-Sajf.

Il-Pulizija li ngħataw iċ-ċertifikat ta' mertu waqt din l-okkażżjoni kienu:

· PC 1478 Julian Grima talli fit-23 ta' Settembru, 2013 waqt li kien frank, irnexxielu jaqbad persuna li kienet għadha kemm ikkomettiet ħsara volontarja fuq vettura pparkjata f'Ta' Xbiex;

· PC 1472 Brian Grech talli fis-27 t'Ottubru 2013 waqt li kien frank, intervjena u ħa l-passi neċessarji mal-kollegi tiegħu tar-*Rapid Intervention Unit*, rigward omiċidju volontarju li kien għadu kemm seħħ fil-viċinanzi tar-residenza tiegħu;





· PC 784 Darryl Buhagiar talli fit-13 ta' Novembru, 2013, fil-Belt Valletta, ta assistenza immedjata lill-persuna ta' nazzjonalita' barranija biex b'hekk irnexxielu jwaqqafha milli tikkommetti suwiċidju.

· U fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, PC 138 Joseph Portelli talli matul ix-xahar ta' Diċembru 2013, ħa sehem u kien strumentali f'operazzjoni sabiex tinqabad kwantita' konsiderevoli ta' droga kannabis, kokaina u żewġ vetturi.

Ingħata ukoll it-trofew għal dak id-Distrett li rnexxilu jnaqqas l-akbar perċentaġġ tar-rata ta' kriminalita' meta kkumparata mas-sena ta' qabel. Is-sena l-oħra, ix-*shield* kien intrebaħ mid-distrett numru tlieta u ċjoe' dak id-distrett li jkopri Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, il-Fgura, Santa Luċija u Ħal Luqa. Din is-sena, ix-*shield* intrebaħ mid-distrett numru sitta, li rnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita' bi tnejn punt tnejn u tmenin fil-mija (-2.82%).

Madwar tmien snin ilu, beda jingħata trofew ukoll għal dak l-uffiċjal jew uffiċjali li ddistingwew ruħhom b'għemilhom tul is-sena preċedenti. L-uffiċjal jiġi magħżul minn bord imwaqqaf għal tal-apposta li jgħarbel il-lista ta' dawk kollha nnominati fosthom dawk li jkunu rċevew ċertifikat ta' kommendazzjoni matul is-sena ta' qabel u wara jiddeċiedi fuq l-aktar wieħed li ddistingwa ruħhu fosthom.







Għas-sena 2013, l-uffiċjali rebbieħa kienu PC 1188 Paul Cassar u PC 243 Clayton Frendo.

Il-Kuntistabbli 1188 Paul Cassar daħal fil-Korp fit-28 ta' Ġunju 1994. Huwa serva fid-distrett ta' Tas-Sliema, l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, fid-distrett tal-Ħamrun u reġa' serva f'dak ta' Tas-Sliema filwaqt li l-Kuntistabbli 243 Clayton Frendo ngaġġa fil-Korp tal-Pulizija nhar it-22 ta' Ġunju 2010. Huwa serva fid-distrett ta' Tas-Sliema u fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga.

Fl-aħħar ingħataw ukoll ċertifikat ta' servizz flimkien ma' tifkira ta' apprezzament lil dawk l-eks membri tal-Korp li ritiraw mis-servizz is-sena li għaddiet wara li kienu servew fil-Korp għall-25 sena jew aktar. Ta' dan il-Korp jirringrazzjahom u juri l-apprezzament tiegħu. Il-membri tal-Korp huma :

- Deputat Kummissarju - Joseph Cachia
- Eks Surġent Maġġur 1404 - Anthony Cutajar
- Eks Kuntistabbli 411 - Raymond Grech
- Eks Kuntistabbli 623 - Emanuel Lia
- Eks Kuntistabbli 753 - Raymond Gatt
- Eks Kuntistabbli 868 - Paul Camilleri
- Eks Kuntistabbli 1432 - Emanuel Micallef
- Eks Kuntistabbli Mara 18 - Moira Cassar
- Eks Kuntistabbli Mara 90 - Antonella Busuttil

Waqt din iċ-ċerimonja, is-Sur Charles Curmi, President tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija Irtirati ta' Malta ppreżenta tifkira tal-okkażżjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit.

Wara din iċ-ċerimonja kien imiss ir-reċeviment li nsibuh bħala dak tal-pensjonanti ġewwa s-Sala San Mikiel. Bħas-soltu l-attendenza kienet waħda kbira u r-rakkonti tal-esperjenzi tal-passat ma naqsux.

Minn hawn nifirħu lill-kollegi tagħna li ngħataw ċertifikati u rikonoxximenti tal-ħidma tagħhom, kif ukoll lid-Distrett numru 6 tas-suċċess li kellu matul is-sena 2013.

louise.b.camilleri@gov.mt

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Dear Inspector A Cilia

To thank you, your superior and your men for an outstanding job. Being proactive, exercising diligence dialogue, mutual understanding and co-operation shall surely contribute towards our endeavours in combating crime, thus ascertaining the much sought after success. Once again, well done to all involve

Faithfully yours

Joseph V Borg
Manager Security Control
Security Department - Financial Services Directorate

Bank Centrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT 1060
Malta



## Prosit lill-pulizija

...r Editur,
...lhala ċittadin hadt pjaċir hafna li dawk il-membri tal-Pulizija ...hamlu iżjed minn dak li normalment hu d-dmir tagħhom, ...u rikonoxxuti mis-superjuri tagħhom fil-Korp tal-Pulizija. ...la dan jaspira lil uffiċjali oħrajn tal-Korp biex jagħmlu l-...ġigħieri li jaqdu dmirhom b'ġustizzja, bla ebda simpatija ...tipatija lejn hadd, jew għal xi gwadann.

BLA HAJTA F'ILSIENI, Hamrun

Is-Sibt 18-01-2014 -L-orizzont

TRANSPLANT SUPPORT GROUP
MALTA

The Commissioner of Police
Police H/Qrs, Floriana

Dear Commissioner

Allow me on behalf of the Committee of the Transplant Support Group (Malta) to thank you for your kind ~~...~~ approval enabling the Police Jazz Band to attend + entertain our patients on Friday 20th December 2013; in connection with our Group's Christmas reception for members, patients and families, which is very much appreciated.

May I take the opportunity on behalf of my Committee and Transplant Support Group members to augur you and your family joy, health and prosperity...now

Regards and best wishes,

Alfred Debattista
(Alfred Debattista)
Group President.

Louis Jewellery Limited
91, Cross Road,
Marsa HMR 003 Malta

...ummissarju.
...em il-Korp Tal-Pulizija Speċjalment Tal-Agrupent u Tal-Għassa Tas-Sliema Immexija
...l-Assistent Kummissarju Ray Zammit, u Spettur Sandro Mifsud u Spettur Silvio Magro
...nd nuri L-Apprezzament Tiegħi Għal- effiċjenza Tagħhom.
...Dawn Kienu Strumentali Biex Jinqabdu Persuni Ta Kondotta Kriminali Mill- Port TAL-Katamaran.

Dejjem Tiegħek
Louis Carabott

BOV
Bank of Valletta

The Commiss...
Police Genera...
Floriana

9th December 20...

PC 50 Joseph A...

Dear Sir,

We would like to b... by PC 50 Joseph A... officers of his like.

Well done to PC 50 A...

Regards,

Alexander Paul Miruzzi
B.A.(Hons); C.P.; MSc (L...
Group Security Officer
BOV Group
BOV Centre
Security Department
...Venera

"Għandi xi nghid"
TV [TVM] | RADIO [93.7fm] | BLOG [andrewazzopardi.org]

Ghezież Sinjuri,

Kif kont weghdtkom ftit tal-gimghat ilu, waqt laqgha li kelli mal-Kummissarju tal-Pulizija tennejtlu l-appogg u s-servizzi impekkabbli li taghtuni kull meta kien hemm htiega - nrringrazzjakom immens.

Andrew Azzopardi

Producer – Prsenter | Ghandi xi Nghid

13 ta' Jannar 2014

Għażiż Sur Cutajar,

**RTK 4 CHARITY – DAR TAL-PROVIDENZA**

RTK4Charity għadu kemm temm b'suċċess it-18-il edizzjoni tal-Kampanja li r-Radju jorganizza b'risq id-Dar tal-Providenza. Nixtiequ nirringrazzjawk għal għajnuna imprezzabbli tiegħek. F'din il-Kampanja inġabret is-somma sabiha ta' aktar minn €933,000, li zgur se ttaffi xi ftit mill-problema finanzjarja ta' l-istess Dar.
F'isem dawk kollha involuti u l-amministrazzjoni tad-Dar tal-Providenza, grazzi għ... xoghol u l-għajnuna tiegħek.
Nieħu l-opportunita' biex nawguralek il-kumplament tas-sena ...
Tislijiet,
*Tonio*

Tonio Borg...
Manager – Programme ...



**John Cassar**

Nixtieq niringrazzja lil PC942 u PC1189 li nhar il hamis assistewni meta kelli bzonn ghajnuna medika billi haduni l poliklinika tal Fjurjan u wara baqaw mieghi sa l emergenza sa ma waslu tal familja.

## Nirringrazzja u nappreZZa

[illegible]

Alfred Sciberras Pace Moore
Birkirkara

Is-Sibt 14-12-2013
In-Nazzjon

Għażiż Spettur Zammit,

f'ismi u isem l-iskola nixtieq nirringrazzja lis-Surġent Buckingham taż-żewġ taħdidiet li għamel ġewwa l-iskola llum. Vera għamel taħdidiet interessanti fejn l-istudenti verament taw kas ta' dak l... qalilhom u uriehom.

Grazzi ħafna lilek ukoll tal-għajnuna li tgħajtni.

Tislijiet,

Vincienne

**Camilleri Charlene at POLICE**

**From:** edward cremona
**Sent:** 02 December 2013 15:20
**To:** CMRU at POLICE
**Subject:** MDT

Hello MDT ahna bhala familja ta l-anzjana li giet misruqa dal-ghodu f'hal qormi nixtiequ nirringrazjaw lil puluzija ta distrett ta half qormi, puluzija tal forensika u dawk ta CID ghal ghajnuna u gentilezza tahhom. AW hafna isibu kull okkazjoni biex imaqdru il korp u jien ha niehu din l-okkazjoni biex bhala familja nirringrazjawhom min qalbna tal-pacenzja u solidarjeta li urew mahha. Grazzi hafna u prosit ta kull ma ghamiltu.

**Malta Dizastru TOTALI !!!!!!!**
Just now near Valletta

xi hadd xtaq JIRRINGRAZJA......

Nixtieq nirringrazzja lil-pulizija u lil minn organizha ta kemm kien hemm organizzazjoni il-bierah ghal vapur ta Ghawdex. Vera il kien hemm it-trafficu u stennejnija din pero bdew jimxu kollox ezzat ghax ghanka meta bdew jaqbzu il-pulizja zammewhom ghax rajthom jien stess.

# “Inthom urejtu x-xewqa li terġgħu tidħlu... u l-Pulizija għandha bżonnkom”

## - il-Kummissarju tal-Pulizija

# Jiġu ngaġġati 23 Kuntistabbli tar-Riżerva

minn WPC 25 Charlene Camilleri – CMRU

Ilna ħafna nisimgħu li l-Korp tal-Pulizija ser jintroduċi dawk li ħafna kienu qed isejħulhom il-Pulizija *“part-time”*. Fil-verita` l-persuni li għoġobhom jidħlu għal dan ix-xogħol jissejħu *Reserve Constables*. Kien propju l-ewwel grupp ta’ tlieta u għoxrin li ngħataw il-ġurament nhar it-13 ta’ Frar 2014 ġewwa l-*Officers’ Mess* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.



Wieħed u għoxrin raġel u żewġ nisa, li kollha kienu fil-Korp tal-Pulizija fil-passat, ġew stazzjonati f’diversi għases u branki sabiex apparti li jibbenefikaw minn din l-opportunita` li qed jagħti l-Korp tal-Pulizija, ikunu wkoll ta’ għajnuna fix-xogħol ta’ kuljum. Tajjeb li wieħed isemmi li dawn ingħataw l-opportunitá li jagħżlu sigħat ta’ xogħol li xtaqu jaħdmu mit-Tnejn sal-Ġimgħa.



Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit, indirizza lill-persuni fejn mingħajr ħafna logħob ta’ kliem qalhom li ħafna minnhom kollha kienu jafu x’ħa jagħmlu u li kien importanti li jiftakru li minbarra li huma *Reserve Constables* xorta huma uffiċjali tal-Pulizija bil-poteri kollha, Pulizija bir-responsabbiltajiet kollha u bl-obbligi kollha. Huwa tenna jgħid li dawn il-Pulizija, għal xi raġuni, urew ix-xewqa li jerġgħu jidħlu fil-Korp u min naħa l-oħra l-Pulizija għandha bżonnhom. "Għandha bżonnhom mhux individwali imma flimkien sabiex bl-esperjenza ta’ kulħadd inkabbru din il-familja." Il-Kummissarju filwaqt li rringrazzjhom tal-attendenza tagħhom, ferħilhom u awguralhom għal ħidma futura.



Permezz ta’ dan l-artiklu, aħna nifirħu lil dan il-grupp u nagħtuhom merħba li reġgħu ngħaqdu magħna.

charlene.camilleri@gov.mt

# Biex iż-żmien qatt ma jnessi……
# 25 sena mit-twaqqif tas-*Silent Drill Team* tal-Korp tal-Pulizija 1988 - 2013

mill-Ispettur Stephen Mallia - Kmandant tat-Tim

Kien eżattament nhar l-1 t'Ottubru 1988, ftit aktar minn 25 sena ilu, meta ġewwa Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta deher fil-pubbliku għall-ewwel darba fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija s-*Silent Drill Team* kif kien ġie imsejjaħ dak iż-żmien.

Dan il-grupp kien iffurmat minn 26 membru regolari tal-Korp, fosthom tliet surġenti, immexxija minn Spettur f'din l-ordni:

Spettur H.W. Harrison

| | | |
|---|---|---|
| PS1337 C. Curmi | PS1226 F. Debono | PS270 F. Bezzina |
| PC23 P. Camilleri | PC36 P. Calleja | PC140 C. Saliba |
| PC634 W. Imbroll | PC434 P.P. Sammut | PC446 M. Frendo |
| PC564 G. Schembri | PC939 L. Mariani | PC772 D. Agius |
| PC869 C. Buttigieg | PC931 J. Scicluna | PC1051 J. Newell |
| PC959 G. Grech | PC967 A. Barbara | PC1036 S. Mallia |
| PC1345 A. Chetcuti | PC1224 P. Bezzina | PC1310 D. Bugeja |
| PC1334 C. Farrugia | PC1434 E. Fenech | PC1009 J. Cassar |
| PC1482 C. D'Anastasi | PC184 S. Cacciattolo | |

Diġa` kelli l-opportunita` nikteb dwar okkażżjoni simili fil-pubblikazzjoni ta' dan il-magażin f'Diċembru 2008, dakinhar fl-okkażżjoni tal-20 anniversarju tat-Tim. Illum li għaddew ħames snin oħra minn dakinhar, xtaqt nerġa' infakkar b'mod partikolari lil dawk l-ewwel membri li ffurmaw is-*Silent Drill Team* u li llum qed jiġu mfakkra b'isimhom u r-rank li kellhom dak iż-żmien skont kif hawn imniżżel aktar' il fuq. B'unur kbir ngħid li jien ukoll kont wieħed minnhom u kienu l-memorji ta' dak iż-żmien li żammewni għaddej biex dan it-Tim ma jmut qatt. Għalhekk permezz ta' dan l-artiklu, xtaqt nagħti tislima lil dawn il-membri kollha li ħafna minnhom m'għadhomx fil-Korp, fejn saħansitra hemm oħrajn li ħallew din id-dinja. Uħud minn dawn l-ewwel membri għadhom iservu fil-Korp sal-ġurnata tal-lum, fil-





waqt li oħrajn komplew javvanzaw fil-karriera biex illum jinsabu f'karigi għoljin fil-Pulizija.

Ma nistax ma nsemmix b'mod partikolari lill-fundatur ta' dan it-Tim, illum id-Deputat Kummissarju Pierre Calleja, li dak iż-żmien meta kien għadu kuntistabbli, kien il-moħħ wara l-ideja li jitwaqqaf dan il-grupp speċjali fiż-żmien li missieru, il-mibki Alfred Calleja, kien Kummissarju. Sehem importanti ħafna flimkien mas-Sur P. Calleja kellu wkoll l-Ispettur Carmel Curmi li dak iż-żmien kien Surġent, u li flimkien mas-Sur Calleja b'determinazzjoni u ħila kienu iddentifikaw lilna, l-ewwel membri tat-Tim biex ingħaqqadna flimkien ġewwa s-sala fejn illum hemm il-mużew fid-Depot il-Floriana biex bdejna l-ewwel taħriġ. Xtaqt ukoll insellem lill-mibki Spettur Harold W. Harrison li kien l-ewwel kmandant tat-Tim, u li warajh kien segwa fil-kariga is-Sur C. Curmi.

Għalkemm iż-żmien ma jistenna lil ħadd u jgħaddi minn fuqna bħal leħħa ta' berqa, m'għandhom qatt jintesew l-ismijiet ta' dawn l-ewwel membri tas-*Silent Drill*. Bħal m'għamlu dawk li servew fit-Tim warajhom, dawn il-membri għamlu ġieħ kbir u għollew l-isem tal-Korp kemm setgħu meta paxxew eluf ta' nies matul is-snin.

Niftakar, li 25 sena ilu konna ġejna msejħin ġewwa l-Kwartieri Ġenerali fil-Furjana xhur qabel l-ewwel wirja biex jiġi spjegat lilna dak li kien mistenni minna, u anke ntwerejna xi filmati ta' wirjiet simili minn gruppi rinomati barranin.

Konna għadna zgħar u qatt ma qtajna qalbna, anzi kellna entużjażmu u għaqda kbira bejnietna biex irnexxielna noħorġu bl-ewwel wirja quddiem pubbliku ferm numeruz fil-Belt wara xhur ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja fil-Forti Sant' Iermu. Dakinhar tal-1 ta' Ottubru 1988 kien jum speċjali għax



l-okkażżjoni kienet propju biex jiġi nawgurat it-twaqqif tas-*Silent Drill Team* bil-wirja tiegħu fl-aktar pjazza importanti fil-qalba tal-Belt Kapitali. Minn dakinhar qatt ma ħarisna lura, u għalkemm il-wirjiet u d-dehra tat-Tim evolviet mhux ħażin matul dawn il-25 sena, dan serva biex id-domanda u l-aspettattivi minn dan il-grupp ta' membri regolari u ferm dedikati tal-Korp, baqgħu ħajjin sal-ġurnata tal-lum.

Għal dawk li jridu jkunu jafu ftit dwar l-istorja tat-Tim, l-ewwel wirja kienet saret b'formazzjoni ta' 24 membru mmexxija kif diġa` semmejt mis-Sur Harrison, filwaqt li kien hemm żewġ membri bħala riżerva.

L-azzarin li kien intuża fl-ewwel wirja f'Ottubru 1988 kien l-SLR 7.62mm li għall-okkażżjoni kienu nġabu numru minnhom mingħand il-Forzi Armati ta' Malta. Fil-wirjiet li saru wara kien ġie użat l-azzarin FAL 7.62mm li kien simili, u aktar tard beda jintuża l-famuz *Lee Enfield 303* li għadu jintuża waqt il-wirjiet tat-Tim sal-lum.

Ta' min ifakkar ukoll, li għalkemm l-uniformi regolari tal-Pulizija kif nafuha llum kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ, għax il-Korp kien għadu bl-uniformi tas-Sajf tal-*khaki*, il-membri tas-*Silent Drill Team* ta' dak inhar kienu l-ewwel Pulizija Maltin li żanżnu l-uniformi bil-qmis blu u qalziet iswed li kellu faxx blu fil-ġenb, filwaqt li minflok l-ingravata kien jintlibes skarf tas-satin abjad mal-għonq taħt il-qmis u *beret* sewda flok il-*peak cap*. Fuq il-qmis kienet intużat is-*shoulder patch* simili għal dik li nsibu llum fuq l-uniformi, iżda fuqha, minbarra l-arma tal-Korp, kellha miktub il-motto tat-Tim, dak ta' '*Ritmu, Eleganza, u Preċizjoni*', u li fuq l-istil tagħha kienet ġiet iddisinjata s-*shoulder patch* li tintlibes fuq l-uniformi regolari tal-Pulizija llum.

Dan kollu juri l-importanza li kellu fil-Korp dan it-Tim li sa mit-twaqqif tiegħu kien meqjus bħala l-*elite* u magħmul mill-aqwa elementi li dejjem kellu l-Korp.

Minhawn nixtieq nieħu l-opportunita` biex insellem lill-membri fundaturi kollha li ħadu sehem fl-ewwel wirjiet tas-*Silent Drill Team* 25 sena ilu, u j'Alla l-Korp jibqa` jiftakarhom bħala membri denji li għamlu ġieħ kbir lill-Korp tal-Pulizija ta' Malta u lill-pajjiżna. Nispera li isem dawn l-ewwel membri tat-Tim jibqa' mnaqqax fl-istorja kbira li għandu l-Korp tal-Pulizija ta' Malta biex kulħadd ikun jaf u ma jintesew qatt.

stephen.mallia@gov.mt

# Ħamsa u Għoxrin sena ta' ħidma.

mill-Ispettur Pierre Minuti - Direttur IT

Fis-7 ta' Jannar 2014, iċ-Ċentru tal-Kompjuters 'Francis Rivalora' jew aħjar kif inhu magħruf bħala d-Dipartiment tal–IT, għalaq 25 sena minn mindu nfetaħ nhar is-7 ta' Jannar 1989. Fl-okkażjoni ta' dan il-jum seħħet ċerimonja kommemorattiva fejn plakka tal-okkażżjoni ġiet inawgurata mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija, l-Onorevoli Dott. Emanuel Mallia u l-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Peter Paul Zammit.

Mit-twaqqif tagħha, l-iskop ewlieni ta' din il-binja kienet li toffri servizz fejn jidħlu elementi ta' sigurta', informazzjoni u statistika.



Illum il-ġurnata, wara l-ewwel kwart ta' seklu operattiv, dawn l-elementi għadhom iservu fost oħrajn, bħala it-tliet pilastri ċentrali li d-Dipartiment joffri lill-klijent primarju tiegħu, il-Korp.

Ta' min wieħed isemmi okkażjonijiet krućjali li seħħew matul dan iż-żmien fejn id-Dipartiment kien essenzjali sabiex l-operat ta' kuljum tal-Korp ma jiġix imtellef filwaqt li jintlaħqu miri importanti tal-pajjiż kif ukoll tal-Unjoni Ewropeja. Dawn jinkludu:

Il-bidla minn dħul ta' rapporti meħudin bil-miktub fuq kotba għall-rapporti mdaħħla f'sistema kompjuterizata. Din kienet magħrufa bħala l-PIRS, u daħlet fis-seħħ fl-1 t'April, 1997. Din is-sistema, li qiegħda fit-tieni ġenerazzjoni tagħha, illum il-ġurnata hi mifruxa fil-Kwartieri Ġenerali, f'madwar 43 sit li l-Pulizija tagħmel użu minnhom fosthom għases, uffiċini, portijiet, l-Akkademja, u l-Kumpless Ta' Kandja.

Eżempji oħra jinkludu :
• Il-famuż perjodu tal-"*Millennium Bug*" - 1999
• L-introduzzjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja – 2004
• CHOGM - 2005
• L-introduzzjoni ta' Malta fiż-Żona Schengen - 2007
• Il-Bidla għal Ewro - 2008

Kif ukoll introduzzjoni ta' sistemi ġodda Ewropej, li jinkludu:
• L-Europol
• PRUM, bl-introduzzjoni tas-sistemi ta' DNA u Marki tas-Swaba`
• EuroDac
• Sirene Bureau
• Tibdil kontinwu f'sistemi nazzjonali bħal ma huma in-"*National Police System*" u s-sistema tal-Armi.

Dan kollu seħħ permezz ta' determinazzjoni u bżulija dejjem murija mill-ħaddiema stazzjonati fi ħdan din l-iskwadra, li matul is-snin ħadmu bla waqfien biex jilħqu dawn il-miri.

Dawn l-eżempji wassluna f'dawn iż-żminijiet riċenti, fejn fid-9 t' April, 2013 li għadda, Malta għaddiet għall-fażi mix-"Schengen 1" għall-"Schengen 2", kif ukoll evalwazzjonijiet paralleli li saru fuq Protezzjoni ta' Informazzjoni u Sigurta`, u x-"Schengen Evaluation" li seħħet fl-14 ta' Settembru, 2013. Ta' min jgħid li Malta kienet l-ewwel pajjiż b'sistema kompleta li ġiet evalwata.

B'wiċċi minn quddiem nistqarr li matul l-aħħar ta' Novembru, 2013, Malta kisbet riżultati pożittivi ħafna f'dawn l-elementi, li seħħew minħabba deċiżjonijiet importanti li ġew meħudha mill-Kummissarju nnifsu matul ix-xahar t'Awissu 2013. Waħda mid-deċiżjonijiet krućjali kienet li dan id-Dipartiment ikun indipendenti u awtonomu. Dan ukoll ġie rifless fil-kummenti pożittivi tal-evalwaturi Ewropej fir-rapport li ħejjew għall-Kummissjoni Ewropeja.

Riżultat bħal dan ma kienx faċli, speċjalment wara l-inċidenti li seħħew fid-Danimarka fejn minħabba fattur importanti, ċjoe` dak ta' nuqqas ta' sigurta' kif ukoll "*complete outsourcing*", il-pajjiż sofra minn attakki ċibernetiċi. U propju dan hu l-element importanti li dan id-dipartiment dejjem offra; sigurta` u sorveljanza ta' informazzjoni; mhux biss tal-pubbliku permezz tar-rapporti, iżda wkoll għall-informazzjoni delikata tal-Pulizija.

Għal futur qrib hemm sfidi ġodda li dan id-dipartiment irid jiffaċċja. Qed nirreferi għal :

**2014**
• L-elezzjoni tal–MEPs.
• Introduzzjoni ta' iċċekjar bil-biometrika ta' "*visa holders*" fil-fruntieri ta' Malta.

**2015**
• Ic-CHOGM 2015

**2016 - 2017**
• Preparazzjoni u ħidma għal qabel u matul, kif wkoll wara il-Presidenza ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja

**2018**
• Il-V18
• Elezzjoni Ġenerali

Barra dawn l-avvenimenti tal-pajjiż hemm diversi proġetti li ġew identifikati għal perjodu 2014-20. Dawn jinkludu introduzzjoni ta' sistemi ġodda Ewropej kif ukoll dawk għall-Pulizija. Għal futur qarib, dan it-tim qed jaħdem sabiex nagħtu lil sħabna arma moderna; barra informazzjoni, tagħrif. Għal matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena ser jkunu ntrodotti funzjonalitajiet ġodda ta' tfittxija għall-karozzi li ġejjin minn kull pajjiż Ewropew, tfittxija fuq armi u s-sidien tagħhom, kif wkoll tfittxija għall-liċenzji tas-sewqan ta' persuni.



Apparti dawn il-faċilitajiet, intlaħaq ftehim ma' Transport Malta, sabiex il-Pulizija jkollha aċċess ukoll għad-databażi tar-reġistrazzjoni ta' dgħajjes u opri tal-baħar, kif ukoll għad-databażi tar–reġistrazzjoni ta' ajruplani żgħar. Dan ser isir permezz ta' ħidma konġunta bejn l-IT tal-Pulizija u l-IT ta' Transport Malta.

Dawn il-proġetti kienu jkunu aktar diffiċli biex jiġu mwettqa kieku mhux għal inizjattiva personali minn membri tas-sezzjoni, li flimkien mexxew talba għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja, sabiex filwaqt illi nkunu f'pożizzjoni li niplimentaw sistemi li l-pulizija għandha bżonn, jew għaliex hemm obbligi fuq il-pajjiż, l-ispiża kapitali tkun iffinanzjata sa 75 u 80 fil-mija mill-Unjoni Ewropeja, filwaqt li mill-fond ċentrali jinħareġ biss id-differenza. Ta' min wieħed isemmi li għall-perjodi bejn l-2014 u l-2020 ġew mitluba mill-fond "*Internal Security Fund*" is-somma ta' tliet miljuni u tmien mitt elf ewro. U għal perjodu 2013–15, is-somma ta' miljun u nofs mill-fond "*External Border Funds*", għal ristrutturar fejn tidħol teknoloġija u apparat, kif ukoll għal immodernizzar tal-uffiċini u l-binja tas-sezzjoni.



Fl-aħħarnett wieħed ma jistax ma jsemmix l-operat ta' kuljum li jsir fuq manutenzjoni u nstallar ta' kompjuters li llum ilaħħqu 'l fuq minn 700, kif wkoll għajnuna u tingħata ta' kuljum u kull ħin lill-klijenti tagħna permezz tan-"*Network Operations Centre*". Infakkar li fuq medja ta' tliet snin, kull sena jiġu maħduma u magħluqa 'l fuq minn 9000 *call*. Dan minnbarra, sorveljanza u ħidma fuq "*servers*"; tagħlim l-Akkademja, lil kull grad; disinjar u ppjanar tal-firxa infrastrutturali u żviluppar intern ta' sistemi skond l-eżiġenza tal-Korp, sistemi tal-Emerġenza, eċċ.

Kif semmejt fil-bidu, id-Dipartiment iħaddan fih l-Uffiċċju ta' l-Istatistika. Dan it-tim għalkemm żgħir, jieħu ħsieb li jwieġeb għall talbiet matul is-sena għall-informazzjoni, li jlaħħqu mat-350 talba. Funzjoni oħra hi dik li ta' kuljum jiġu ċċekjati r-rapporti kollha tar-reati li l-Pulizija tirċievi. Dawn kollettivament ilaħħqu mat-18,000 rapport annwali.

Minn Novembru 2013, dan l-uffiċċju sawret fih 'l-parti tal-analiżi tar-rapporti ta' kriminalita`.

Għaldaqstant, ir-riżultat tax-xogħol tal-Istatistika sar id-dħul tax-xogħol tal-"*Crime Analysis*".

Dan it-tip ta' xogħol qed jiġi ntrodott f'fażijiet. L-ewwel fażi bdiet isseħħ fuq ix-xogħol distrettwali flimkien mad-Deputat Kummissarju nkarigat, is-Sur Raymond Zammit. Fażijiet sussegwenti ser jinvolvu x-xogħol investigattiv li hu parti mir-responsabbilta' tad-Deputat Kummissarju Pierre Calleja.

Sabiex nikkonkludi, nixtieq nagħlaq billi nerġa' nirreferi għall-introduzzjoni tal-artiklu. Din tinkludi iċ-ċelebrazzjoni mhux biss tal-binja iżda tax-xogħol mogħti mill-pulizija lill-pulizija għal dawn l-aħħar 25 sena. Dan dejjem seħħ permezz ta' tiġdid fl-innovazzjoni, kif ukoll b'determinazzjoni u dedikazzjoni lejn it-teknoloġija li dejjem ġiet murija minn mexxejja preċedenti għal dawk preżenti kif ukoll wieħed jawgura għal dawk futuri.




Għal aktar tagħrif fuq is-sezzjoni, irrikorru fuq il-websajt uffiċjali tal-Korp:

www.pulizija.gov.mt/en-us/itsection.aspx

# Kif l-abbuż verbali jinbidel fi Vjolenza Domestika

minn Dr Mark Said – Uffiċċju tal-Prim Ministru

L-abbuż verbali, xort'oħra magħruf bħala abbuż emozzjonali jew psikoloġiku, jista' jkun bil-fomm jew mingħajru. Min jirrikorri għalih ikollu l-ħsieb li jnaqqarlek ħsibijietek dwar il-valur tiegħek innifsek u l-indipendenza tiegħek. Fih jidħol l-abbuż bil-kliem bħal ma huma l-għajjat, it-tgħajjir, li xi ħaġa titwaħħal fik, u l-umiljazzjoni. Li titwarrab, it-theddid u l-imġieba kontrollata wkoll jaqgħu taħt din ix-xorta t'abbuż. Spiss, min jabbuża, jagħmel użu mill-abbuż emozzjonali biex ħafna drabi ddaħħal fin-nofs theddid ta' vjolenza fiżika.

L-abbuż verbali jintuża għal raġuni waħda: biex jinkiseb u jinżamm kontroll assolut fuq il-vittma. Ġaladarba dan jinkiseb, normalment ma jdumx ma jitfaċċa l-kruha tal-abbuż fiżiku. It-tendenza li l-abbuż verbali jinbidel f'wieħed fiżiku normalment hija magħmula mit-tattiċi segwenti biex jiġi eżerċitat kontroll fuq is-sieħeb/sieħba.

**Supremazija:** L-individwi li jabbużaw iħossu l-ħtieġa li jmexxu r-relazzjoni. Jiddeċiedu għalikom, igħidulkom x'tagħmlu, u jantiċipawkom biex tagħmlu dak li jgħidulkom bla mistoqsijiet ta' xejn. Min jabbuża minnek jista' jitrattak bħal seftur, tifel jew saħansitra bħala l-oġġett tiegħu.

**Umiljazzjoni:** Min jabbuża minnek jagħmel minn kollox biex iġiegħelek tobgħod lilek innifsek, jew b'xi mod tħossok inferjuri. Wara kollox, jekk taċċetta bħala l-verita' li int ma tiswa xejn u li ħaddieħor qatt ma hu ser ikun iridek, x'aktarx li ftit li xejn sejjer tirreżisti. L-insulti, it-tgħajjir, il-mistħija, u ħwejjeġ oħra bħal dawn huma kollha munizzjon t'abbuż maħsuba biex inaqqru mill-valur tiegħek innifsek u jġegħluk tħossok bla ebda reżistenza.

**Seklużjoni:** Sabiex ikabbar id-dipendenza tiegħek fuqu, is-sieħeb/sieħba tiegħek ibegħdek mid-dinja esterna. Huwa/hija jafu jżommuk milli tara lill-familjari tiegħek jew ħbiebek, jew saħansitra jżommuk milli tmur għax-xogħol jew l-iskola. Taf ikollok titlob permess biex tagħmel xi ħaġa, tmur x'imkien, jew tara lil xi ħadd.



**Koerżjoni:** Min jabbuża spiss jużaw it-theddid sabiex ma jħallux lill-vittmi tagħhom jitilqu, jew ibeżżgħuhom ħalli ma jieħdu ebda passi. Min jabbuża minnek jista' jheddek li jweġġgħek jew joqtlok; jista' wkoll jhedded li jneħħi ħajtu, jew saħansitra jagħmillek akkużi foloz.

**Intimidazzjoni:** Min jabbuża minnek jista' juża sensiela ta' tattiċi t'intimidazzjoni maħsuba biex jagħmluk skjav tiegħu. Tattiċi bħal dawk jidħlu fihom ħars jew ġesti ta' theddid, tifrik t'affarijiet quddiemek, qirda ta' propjeta', jew li jintwerew xi armi. Il-messaġġ ċar ikun li jekk ma tobdix, ikun hemm konsegwenzi vjolenti.

**Ċaħda u twaddib ta' ħtija:** Min jabbuża ikun mistħarreġ sew biex isib skużi għal dak li mhux skużabbli. Iwaħħlu f'trobbija ħażina għall-imġieba abbużiva u vjolenti tagħhom, f'jum ħażin, u anke fil-vittma. Min jabbuża minnek jista' jċekken l-abbuż, jew jiċħad li qatt seħħ fl-ewwel lok. Normalment, iwaddab il-ħtija fuqek: b'xi mod jew ieħor idawwar il-vjolenza u l-abbuż bħala li int taħti għalihom.

Huwa importanti li jiġi rrapurtat is-suspett tal-vjolenza domestika. Jekk int tibża', inkella tibża' li tiddeffes fin-nofs, ftakar li int tista' tkun dak li jgħin lill-vittma kontra aktar ħsara billi ċċempel għall-għajnuna. Li tibqa' sieket waqt li qed isseħħ il-vjolenza domestika, huwa propju hekk: tkun qed tħalliha sseħħ.

magazine.police@gov.mt

# Muturi ġodda għas-Sezzjoni tat-Traffiku

Mill-Uffiċjal inkarigat, l-Ispettur Mario Tonna

Nhar l-10 ta' Frar 2014, ġew introdotti għaxar muturi ġodda lill-Pulizija tat-Taqsima tat-Traffiku. Dawn il-muturi huma attrezzati b'apparat aħjar skont kull regolament, kif ukoll b'saħħithom aktar.

Dan huwa bidu sabiex inkunu nistgħu nżommu l-wegħda tagħna li jkollna t-toroq aktar siguri, kif ukoll lis-sewwieqa, il-passiġġieri u kull min juża' t-toroq tagħna aktar moħħu mistrieħ fejn tidħol sigurta`.

Tajjeb li wieħed isemmi li apparti dawn il-muturi, ġie wkoll introdott apparat ġdid bħal crash helmets ġodda 'full face', kif ukoll apparat li joffri aktar viżibilita`. Dan il-fatt żgur li jagħti aktar enerġija u inizjattiva lill-membri ta' din is-Sezzjoni. L-għan ewlieni kif ukoll il-wegħda tat-Taqsima tat-Traffiku kien dejjem li jsalvaw u jippreservaw kull ħajja.

It-Taqsima tal-Pulizija tat-Traffiku ta' Għawdex ukoll ġiet ippreżentata b'erba` muturi oħra għaliex dan huwa proċess u eżerċizzju sabiex il-Korp jibdel il-muturi l-antiki kollha.

Żgur li dan il-kambjament kif ukoll żieda ta' apparat ġdid u aktar modern qed jagħti dehra aħjar lil din is-sezzjoni sabiex tiġi wkoll konformi fl-istess parametri tal-Pulizija sħabna Ewropej.

mario.tonna@gov.mt













# Flimkien għal Karità– Diċembru 2013

minn PC 121 Josef Vassallo – membru MPSC

Għat-tielet sena konsekuttiva, fix-xahar ta` Diċembru, l-MPSC organizzat turnament tal-futball fuq skala *5-A-Side* bejn id-Distretti u s-Sezzjonijiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Dan isir bil-għan li jinġabru flus u jingħataw għall-karita'. Din is-sena nġabret is-somma sabiħa ta €1,320. Dan l-ammont ingħata lil Dar Fra Diegu, Ħamrun u Angela House, G'Manġia.

It-Turnament ta' din is-sena ntlagħab fl-iskola ta` Mater Dei, l-Imsida. Ħadu sehem 25 tim fejn kienu maqsumin f'sitt (6) gruppi ta' erba' (4) timijiet kull wieħed ħlief għal grupp minnhom li kien b'ħames (5) timijiet.

Din hija l-klassifika kif spiċċaw u aktar 'l isfel hemm ir-riżultati tal-gruppi rispettivi, li huma kif ġej -

## Group A



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 PD | 3 | 2 | 1 | 0 | 7 | 1 | +6 | 7 |
| 6PD | 3 | 2 | 0 | 1 | 7 | 5 | +2 | 6 |
| Traffic/MT | 3 | 1 | 1 | 1 | 10 | 5 | +5 | 4 |
| ALE | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 14 | -13 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3 PD | 3 | 0 | ALE |
| 6PD | 3 | 2 | Traffic/MT |
| Traffic/MT | 1 | 1 | 3 PD |
| ALE | 0 | 4 | 6 PD |
| 3 PD | 3 | 0 | 6PD |
| Traffic/MT | 7 | 1 | ALE |

## Group B



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mounted | 3 | 2 | 1 | 0 | 5 | 2 | +3 | 7 |
| Drug Sqd | 3 | 2 | 0 | 1 | 4 | 2 | +2 | 6 |
| 5 PD | 3 | 0 | 2 | 1 | 4 | 6 | -2 | 2 |
| I.T. | 3 | 0 | 1 | 2 | 3 | 6 | -3 | 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.T | 1 | 3 | Mounted |
| 5 PD | 1 | 3 | Drug Sqd |
| Drug Sqd | 1 | 0 | I.T |
| Mounted | 1 | 1 | 5 PD |
| I.T | 2 | 2 | 5 PD |
| Drug Sqd | 0 | 1 | Mounted |

## Group C



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RIU D | 3 | 3 | 0 | 0 | 15 | 0 | +15 | 9 |
| 6A PD | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 6 | 0 | 4 |
| SB 3 | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 10 | -4 | 4 |
| E.C.U | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 14 | -11 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| SB 3 | 4 | 2 | E.C.U |
| RIU D | 3 | 0 | 6A PD |
| 6A PD | 2 | 2 | SB 3 |
| E.C.U | 0 | 6 | RIU D |
| SB 3 | 0 | 6 | RIU D |
| 6A PD | 4 | 1 | E.C.U |

## Group D



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RIU A | 3 | 2 | 0 | 1 | 7 | 10 | -3 | 6 |
| 7 PD | 3 | 2 | 0 | 1 | 7 | 5 | +2 | 6 |
| Forensic | 3 | 1 | 1 | 1 | 12 | 9 | +3 | 4 |
| 4 PD | 3 | 0 | 1 | 2 | 5 | 7 | -2 | 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| RIU A | 3 | 2 | 4 PD |
| Forensic | 2 | 5 | 7 PD |
| 7 PD | 1 | 3 | RIU A |
| 4 PD | 3 | 3 | Forensic |
| RIU A | 1 | 7 | Forensic |
| 7 PD | 1 | 0 | 4 PD |

## Group E



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 PD | 3 | 2 | 1 | 0 | 10 | 2 | +8 | 7 |
| RIU C | 3 | 2 | 1 | 0 | 8 | 0 | +8 | 7 |
| 1 PD | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 8 | -4 | 3 |
| SB 2 | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 15 | -12 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| RIU C | 6 | 0 | SB 2 |
| 8 PD | 4 | 1 | 1 PD |
| 1 PD | 0 | 2 | RIU C |
| SB 2 | 1 | 6 | 8 PD |
| RIU C | 0 | 0 | 8 PD |
| 1 PD | 3 | 2 | SB 2 |

## Group F



| Team | Played | Win | Draw | Lost | G F | G A | G D | Points |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SB 1 | 4 | 4 | 0 | 0 | 20 | 4 | +16 | 12 |
| RIU B | 4 | 3 | 0 | 1 | 15 | 8 | +7 | 9 |
| 10 PD | 4 | 1 | 0 | 3 | 8 | 12 | -4 | 3 |
| Dog Sec | 4 | 1 | 0 | 3 | 6 | 15 | -9 | 3 |
| CID | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 14 | -10 | 3 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| RIU B | 0 | 5 | SB 1 |
| 10 PD | 0 | 3 | Dog Sec |
| Dog Sec | 0 | 5 | RIU B |
| SB 1 | 4 | 0 | CID |
| CID | 3 | 2 | Dog Sec |
| RIU B | 4 | 3 | 10 PD |
| 10 PD | 2 | 1 | CID |
| Dog Sec | 1 | 7 | SB 1 |
| SB 1 | 4 | 3 | 10 PD |
| CID | 0 | 6 | RIU B |

Wara li ntlagħbu l-logħob mill-gruppi, sittax-il (16) tim għadda għat-tieni fażi tat-turnament.

L-ewwel tnejn minn kull grupp ikkwalifikaw kif ukoll l-aħjar erba timijiet li ġew it-tielet post mill-gruppi rispettivi tagħhom.

**Round of 16**

| | | |
|---|---|---|
| 3 PD | 1 (1-3Pen) 1 | Traffic/MT |
| RIU D | 2-1 | Forensic |
| 8 PD | 1-0 | SB 3 |
| 7 PD | 0-4 | RIU B |

| | | |
|---|---|---|
| Mounted | 9-2 | 6A PD |
| RIU A | 0-2 | RIU C |
| SB 1 | 1-0 | 1 PD |
| 6 PD | 1-4 | Drug Sqd |

**Kwarti tal-Finali**

| | | |
|---|---|---|
| Traffic/MT | 1-0 | 8 PD |
| RIU D | 3 (3-1Pen) 3 | RIU B |

| | | |
|---|---|---|
| Mounted | 2-0 | SB 1 |
| RIU C | 1 (5-4Pen) 1 | Drug Sqd |

**Semi Finali**







Fis-semi-finali kellna żewġ logħbiet bejn il-ġirien [Derbies], Traffic/MT vs Mounted, u l-RIU D vs RIU C.

Kienu żewġt logħbiet ferm akkaniti fejn rajna lil Mounted u lil RIU D joħorġu rebbieħa. It-Tim tal-Mounted rebaħ lil dak tat-Traffic/MT bil-penalties 3-1 wara li l-logħba spiċċat fi draw ta' mingħajr gowls filwaqt fil-logħba l-oħra, it-tim tal-RIU D, għeleb lil RIU C b'riżultat ta' 4-2.

Fil-logħba għat-tielet post lagħbu Traffic/MT vs RIU C fejn tal-ewwel ġabu fix-xejn lill-avversarji bi skor kbir ta' 5-0.

Fil-Finali ltaqgħu l-Mounted u l-RIU D. Mingħajr dubju kienu l-aħjar żewġt timijiet fit-turnament fejn it-tnejn li huma ma sofrew l-ebda telfa. Kienet logħba ferm missielta. It-Tim tal-RIU mar darbtejn fil-vantaġġ iżda l-qalb kbira li urew il-Mounted kisbet il-frott u għamluhom 2-2 ftit qabel ma skada l-ħin. Għalhekk għaddew għall-għoti tal-penalties fejn it-tim tal-Mounted ħareġ rebbieħ bi skor ta 3-2.



Kien turnament pjaċevoli u ta' min isemmi li pparteċipaw aktar minn 200 pulizija iżda l-aktar ħaġa importanti kienet li waqt li ħadna pjaċir nilgħabu, għamilna att ta` karita` ma` min hu vera fil-bżonn.

Il-Kumitat tal-MPSC jieħu l-okkażżjoni li jirringrazzja lil kulħadd li ħa sehem kemm fl-organizazzjoni u biex seta` t-turnament ikun ta' suċċess jiġifieri l-"players" minkejja d-diffikultajiet kollha.

Aktar minn hekk, il-kumitat jieħu l-opportunita` li jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, li fid-diffikultajiet li jeżistu, xorta kellna l-approvazzjoni li norganizzaw din l-attivita` sportiva u tkun realta` miftuħa għall-membri kollha tal-korp.

Insellmulkom u nerġgħu niltaqgħu fi żmien qasir għall-attivitajiet oħra sportivi.

mpsc.police@gov.mt

# International Police Association



The Malta section of the International Police Association (IPA), is an independent Association was accepted as full member of the IPA on 30 April 1964, during the World Congress which was held in Blackpool, UK, after submitting a formal request for full membership before independence. This year we are celebrating our 50th Anniversary.

The International Police Association – the largest police organization in the world – is a voluntary association whose origins stretch to a few years after the Second World War. It all started in 1950 when Sergeant Arthur Troop from Lincolnshire, England came up with the idea of creating a channel for friendship and international cooperation among police officers.

Malta Section is made up mainly of serving and retired members of the Police Force although there are exceptions, when employees working with the police may be considered for membership. The section is autonomous and is governed by the national executive committee which is elected every three years during a national executive council meeting. The fundamental principles and aims of the association are derived from its motto in Esperanto – Servo Per Amikeco – Service Through Friendship.

Being a non-profitable association, the Malta section's only source of income is the membership fee which when compared with what members pay in other national sections, is quite meager. From what the treasurer collects as membership fee, the section has to pay an international levy to the international treasurer in Switzerland for every registered member. Consequently financially the section is rather limited and restricted in its operation.

During all these years every executive committee tried its best in developing Malta Section and to improve its position. There were times when this was achieved and times when progress was not as much as desired due to different reasons. However through perseverance and hard work, slowly but steadily as years passed Malta Section managed to register progress especially on the international front.

Apart from rendering assistance to its members, locally and when traveling abroad, especially for health reasons, we also managed to contribute towards the tourist industry by encouraging and bringing to our shores a good number of IPA groups from countries around the world. Assistance to individuals spending their holidays on the Island was even greater, not to mention stopovers by foreign colleagues at Valletta harbor, while cruising the Mediterranean.

As part of our 50th Anniversary, we are organizing several events. On the 25th April, a Gala Dinner will be held with the participation of the International president Mr.Pierre-Martin Moulin.

A photographic Competition will be held at the Police Headquarters between the 13th April and 1st May 2014. The winning entry will be sent to New Zealand for the International Competition.

In October, IPA Malta will host the 50th Anniversary shooting competition where IPA members from all IPA Sections may attend. On a monthly basis we organize shooting competitions to choose the Malta team who will represent our Section in the Shooting Competition.

If any police officer or civilian working in the Police Department is interested and wants to know more about IPA, he is more than welcome to call at the IPA office at Police Associations Centre, Spencer Hill, Marsa during office hours or send an email to ipamalta@gmail.com or visit www.ipamalta.com.

**Neville Mercieca is president, IPA Malta section**

Eks Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

# Riċeviment Annwali fid-Depot tal-Pulizija

Nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar 2014, fis-Sala Vilhena tal-Kwartieri Ġenerali tal-Korp, fil-Furjana, saret l-attivita' mistennija ta' kull sena, fejn il-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit, jistieden lill-Pulizija rtirati għal '*Reunion*' annwali. Din hija attivita' li tkun mistennija minn kulħadd, peress li wieħed ikun jista' jiltaqa' ma' kollegi u ħbieb antiki.



Il-Kummissarju jiltaqa mal-pensjonanti waqt ir-riċeviment

L-attivita' bdiet bid-dħul tal-bandiera Maltija, il-'*colours*' tal-Korp tal-Pulizija u dawk tal-M.A.R.P.O. li ngarru mill-President tal-Għaqda, Charles Curmi. Dawn kienu akkumpanjati mill-*Pipes and Drums* tal-Korp.



Il-'Colours' tal-Korp u tal-MARPO

Wara ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr mill-Kappillan tal-Korp, Fr. Ray Bonnici OFM. Hekk kif spiċċat il-quddiesa, ngħatat tislima lil dawk il-membri tal-Korp li ħallewna għal ħajja eterna, kemm wara li spiċċaw mis-servizz, kif ukoll waqt li kienu għadhom membri tal-Korp.

Numru ta' membri tal-Korp ġew ippremjati għall-ħidma tagħhom kif ukoll ingħataw premijiet oħrajn bħal ċertifikati. Ingħataw ukoll ċertifikati ta' tifkira lil dawk il-membri tal-Korp li rtirraw wara 25 sena servizz jew aktar.

Saret ukoll preżentazzjoni ta' apprezzament lill-Kummissarju Peter Paul Zammit, għan-nom tal-membri kollha tal-M.A.R.P.O., mill-President tal-Għaqda, is-Sur Charles Curmi.

Wara kien hemm is-soltu riċeviment li jkun mistenni ħafna mill-membri ta' l-Għaqda, fejn wieħed jiltaqa' ma sħabu l-antiki u jerġgħu jirrakkuntaw xi storja tal-imgħoddi u xi esperjenza sabiħa li jkunu għaddew minnha.

## Ikla

Fit-23 ta' Novembru 2013, il-Kumitat organizza ikla '*buffet*' ġewwa s-Soreda Hotel, Bugibba. Għal din l-attivita' attendew numru sabiħ ta' membri u ħbieb tagħhom.



Waqt l-ikla organizzata mill-MARPO.

**Kawża Kostituzzjonali dwar il-Pensjoni**

Nixtieq infakkar lil kull min hu interest, li s-seduta li jmiss se issir fil-11 ta' April 2014. Min hu f'posizzjoni li jattendi għas-seduta, huwa '*welcome*'. Iżjed ma nkunu, iżjed aħjar.

**Korrispondenza**

Kull korrispondenza li għandha x'taqsam mal-Assoċjazzjoni għandha tintbgħat f'dan indirizz:

M.A.R.P.O.
P.O. Box 36
Birkirkara



## Mill-Imgħoddi

Kulħadd jaf kemm huma popolari l-mustaċċi tal-membri tal-Korp, imma jien ċert li qatt ma rajt par mustaċċi bħal dawn.

Kull ma naf fuq din il-persuna, hija li qabel ma daħal fil-Korp, kien fil-militar, u meta daħal fil-Korp fis-sena 1934 kien stazzjonat il-Ħabs ta' Kordin, wisq probabbli bir-rank ta' Maġġur.

*Nawguraw l-Għid it-tajjeb lilkom u 'l-familji tagħkom*




Eks. Pc 1010
John Schembri
1936 – 2013
1957 – 1986


Eks. Ps 391
Giuseppe Maria Bohm
1935 – 2013
1959 – 1984


Eks. Ps 560 Michael Sciortino
1949 – 2013
1967 – 1992


2/SM 623
Marcel Micallef
1919 – 2013
1943 – 1974
Gozo


Eks. Ps 45
George Micallef
1922 – 2014
1946 – 1970
Gozo


Eks. Pc 365
Francis Mifsud
1925 – 2013
1949 – 1960


Eks. Pc 802 Gregory Vella
1928 – 2014
1951 – 1979
Gozo


Eks. Pc 615 Joseph Ellul
1949 – 2014
1975 – 2001


Eks. Pc 34 George Jacono
1944 – 2014
1966 – 1980


Eks. Pc 852 Luigi Gafa'
1934 – 2014
1954 – 1980

Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem